SIGNUM FIDEI

# MEJJU 2013



User

Grizli777

[Pick the date]



***Signum Fidei***
Ħajja ta' Xhieda
u ta' Fidi

**- MEJJU 2013 -**

**S. Ġwann Battista De La Salle**
**Fundatur**

**Familja Lasalljana**

**NIFTAKRU LI QEGĦDIN FIL-PREŻENZA T'ALLA.**

**EJJEW NADURAWH**

**Intenzjonijiet tal-Papa u tal-Isqfijiet tagħna għax-xahar ta' Mejju:**

1. Biex l-amministraturi tal-ġustizzja jaġixxu dejjem b'integrità u b'kuxjenza retta.
2. Biex is-seminarji jħejju rgħajja skont il-Qalb ta' Kristu, iddedikati għat-tixrid tal-Vanġelu.
3. Biex l-impenn tal-insara għall-għaqda u l-ġustizzja jqajjem interess għat-tagħlim soċjali ta' Ġesù fil-Knisja tiegħu.

**Dati importanti għax-xahar ta' Mejju:**

| | |
|---|---|
| 1 ta' Mejju | San Ġużepp Ħaddiem |
| 9 ta' Mejju | Festa ta' San Ġorġ Preca |
| 12 ta' Mejju | Tlugħ tal-Mulej fis-Sema |
| 15 ta' Mejju | Festa ta' San Ġwann Battista De La Salle |
| 19 ta' Mejju | Għid il-Ħamsin |
| 29 ta' Mejju | Għeluq it-tieni sena mill-mewt ta' Bro. Louis |

**Nota importanti:**
Din il-ħarġa ta' Marzu issa tista' tiġi aċċessata minn fuq il-websajt http://signumfideimalta.wordpress.com

**L-Erbgħa, 1 ta' Mejju**
SAN ĠUŻEPP ĦADDIEM

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Ġenesi 1: 26 – 2, 3 | Imlew l-art, u aħkmu fuqha. |
| *jew* | |
| Kolossin 3: 14,15,17,23,24 | Kull ma tagħmlu, agħmluh minn qalbkom. |
| 2. Salm 89: 2-4,12-14,16 | Wettaq xogħol idejna, Mulej. |
| 3. Mattew 13: 54-58 | Dan mhuwiex bin il-mastrudaxxa? |

## SAN ĠUŻEPP ĦADDIEM

- Ix-xogħol tal-bniedem l-Knisja mhux biss tbierku imma wkoll tinteressa ruħha ħafna fih. Kien hemm żmien meta l-ewwel ta' Mejju, Jum ix-Xogħol, kien okkażjoni għal xi gruppi biex jiżirgħu mibegħda u vjolenza taħt il-pretest biex jinkisbu jew ifakkru d-drittijiet tal-ħaddiema.
- Il-Martiroloġju Ruman jiddeskrivi n-natura tal-festa tal-lum b'dawn il-kelmiet: "*Illum issir it-tifkira ta' San Ġużepp Ħaddiem li, bħala mastrudaxxa f'Nazzaret, ipprovda għall-ħtiġiet ta' Ġesù u ta' Marija bix-xogħol tiegħu u anki kien strumentali biex l-Iben ta' Alla magħmul bniedem jidħol fil-ħajja tax-xogħol tal-bniedem. Għalhekk il-ġurnata li fiha Jum ix-Xogħol huwa mfakkar f'ħafna pajjiżi, il-ħaddiema nsara jqimu lil dan il-qaddis bħala eżempju u bħala protettur tagħhom*."
- L-idea li hemm relazzjoni speċjali bejn San Ġużepp u l-ħaddiema ma kinitx xi ħaġa ġdida. Jidher li bdiet tissemma f'dokumenti uffiċjali f'koinċidenza mal-Moviment tal-Ħaddiema taż-żminijiet moderni. Fl-1889 il-Papa Ljun XIII ippropona lil San Ġużepp bħala mudell speċjali tal-ħaddiema u ta' dawk inqas privileġġjati. Benedittu XIV qiegħed quddiem il-ħaddiema b'mod partikulari l-eżempju ta' San Ġużepp, biex jimitawh bħala l-gwida speċjali tagħhom u biex jonorawh bħala patrun tagħhom fis-sema. Piju XI fl-Enċiklika *Divini Redemptoris* tat-18 ta' Marzu 1937, li fiha għażel lill-ħaddiem ta' Nazzaret bħala Patrun fil-ġlieda kontra l-Komuniżmu ta' bla Alla, kiteb "*San Ġużepp kien jappartieni għall-klassi tal-ħaddiema, u hu refa' t-toqol tal-faqar, għalih u għall-familja mqaddsa… F'ħajja ta' qadi fidila tad-dmirijiet ta' kuljum, hu ħalla eżempju għal dawk kollha li jaqalgħu ħobżhom bit-tħabrik ta' jdejhom.*"
- Din il-Festa daħħalha l-ewwel darba fil-Kalendarju tal-Knisja l-Papa Piju XII. Il-Papa assigura lis-semmiegħa tiegħu u "*lill-bnedmin tax-xogħol tad-dinja kollha li issa għandkom magħkom mudell, difensur u missier*".
- Imma kien Piju XII li ta espressjoni konkreta għar-relazzjoni speċjali bejn San Ġużepp u l-klassi tal-ħaddiema billi, fl-1 ta' Mejju tas-sena 1955, waqt udjenza pubblika lill-ħaddiema taljani tal-Azzjoni Kattolika (ACLI), waqqaf il-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem u qegħedha fl-ewwel jum ta' Mejju, Jum ix-Xogħol. "*L-*

*intenzjoni tagħna"* – qal – *"li għamilna dan biex nuru lill-bnedmin kollha d-dinjità tax-xogħol. Hi t-tama tagħna li din id-dinjità ġġib magħha l-motiv għall-formazzjoni ta' ordni soċjali u ġabra ta' liġijiet imwaqqfa fuq id-distribuzzjoni ekwa ta' drittijiet u dmirijiet …"*

- ❖ Il-festa tal-lum ħadet post il-festa ta' San Ġużepp Patrun tal-Knisja Universali li kien waqqaf Piju IX fl-1847. Il-festa prinċipali ta' San Ġużepp hi fid-19 ta' Marzu, u din diġà nsibuha f'martiroloġji tas-seklu 9.

**Riflessjoni:**

Fil-Vanġelu għadna kemm smajna li "Ġużeppi, meta qam, għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej, u ħa lil martu għandu" (Mt 1:24). F'dawn il-kelmiet diġà nsibu miġbura l-missjoni li Alla afda f'idejn Ġużeppi, dik li jkun *custos*, ħarries. Ħarries, ta' min? Ta' Marija u ta' Ġesù; imma hu ħarsien li mbagħad jestendi ruħu għall-Knisja, kif fakkarna l-Beatu Ġwanni Pawlu II: "Kif San Ġużepp bi mħabba ħa ħsieb lil Marija u bi mpenn hieni ta ruħu għall-edukazzjoni ta' Ġesù Kristu, hekk hu jħares u jipproteġi lill-ġisem mistiku tiegħu, il-Knisja, li tagħha l-Verġni Mbierka hi figura u mudell" (Eżortazzjoni Appostolika *Redemptoris Custos*, 1).

Kif iħaddmu Ġużeppi dan il-ħarsien? B'diskrezzjoni, b'umiltà, fis-skiet, imma bi preżenza kostanti u fedeltà sħiħa, anki meta ma jistax jifhem. Mill-għerusija ma' Marija sal-episodju ta' Ġesù fit-Tempju ta' Ġerusalemm meta dan kellu tnax-il sena, hu jakkumpanja kull mument bl-attenzjoni u bl-imħabba kollha. Hu maġenb martu Marija fil-mumenti sereni u f'dawk diffiċli tal-ħajja, fil-vjaġġ lejn Betlehem għaċ-ċensiment u fis-sigħat anzjużi u hienja tal-ħlas; fil-mument drammatiku tal-ħarba lejn l-Eġittu u fit-tiftixa bla nifs għall-iben fit-tempju; u mbagħad fil-ħajja ta' kuljum fid-dar ta' Nazzaret, fuq il-bank tax-xogħol fejn għallem is-sengħa lil Ġesù.

Kif jgħixha Ġużeppi l-vokazzjoni tiegħu ta' ħarries ta' Marija, ta' Ġesù u tal-Knisja? F'attenzjoni kostanti għal Alla, miftuħ għas-sinjali tiegħu, disponibbli għall-pjan ta' Alla pjuttost milli għal tiegħu nnifsu; u dan hu li Alla jitlob minn David ... Alla ma jixtieqx dar mibnija minn idejn il-bniedem, imma jixtieq il-fedeltà lejn il-kelma tiegħu, lejn il-pjan tiegħu; u hu Alla nnifsu li jibniha d-dar, imma b'ġebel ħaj immarkat mill-Ispirtu tiegħu. U Ġużeppi hu "ħarries", għax jaf jisma' lil Alla, iħalli r-rieda tiegħu tmexxih, u propju għalhekk hu bil-wisq iktar sensibbli għall-persuni li jiġu fdati f'idejh, jaf jaqra l-ġrajjiet b'realiżmu, hu attent għal dak li hemm madwaru, u jaf jieħu d-deċiżjonijiet l-iktar għarfa. Fih, għeżież ħbieb, nilmħu kif wieħed għandu jwieġeb għas-sejħa ta' Alla, b'disponibbiltà, mill-ewwel, imma nilmħu wkoll liema hi l-qalba tal-vokazzjoni nisranija ...

Silta mill-omelija tal-Papa Franġisku,
dakinhar tal-inawgurazzjoni tal-bidu tal-ministeru petrin tiegħu,
fid-19 ta' Marzu, festa ta' San Ġużepp

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 110, it-3 punt**

*The Gospel also makes us admire in Saint Joseph the care he has for the holy Child Jesus, which he showed in the promptness with which he took him to Egypt when God told him to do so; in the precaution he took, on leaving Egypt, not to take him to*

*Judea, for fear of Archelaus, who then occupied the throne of his father, Herod, and in the sorrow he felt at having lost Jesus when they were returning from Jerusalem, as the Most Blessed Virgin testified in these words: Your father and I have been searching for you in great sorrow and in great affliction. Two things inspired the great solicitude that Saint Joseph felt for Jesus: the commission that the eternal Father had given him and the tender love Saint Joseph had for Jesus.*
*You must have a similarly great attention and affection for preserving or procuring the innocence of the children entrusted to your guidance and for keeping them away from whatever might interfere with their education or prevent them from acquiring piety, just as Saint Joseph had for all that could contribute to the welfare of the Child Jesus.*



**TALBA**

*O Alla, inti fl-għerf tiegħek tal-għaġeb u mħabbtek għalina*
*għoġbok tagħżel lil San Ġużepp,*
*raġel ġust u verġni,*
*biex jingħaqad bi żwieġ veru u verġni,*
*ma' Marija Immakulata*
*u minnha, bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu*
*twieled ibnek Ġesù li fih sibt l-għaxqa tiegħek;*
*agħtina, nitolbuk bil-ħerqa li għall-merti u*
*t-talb tagħhom, wara li nkunu ħabrikna biex*
*insawru ħajjitna fuq l-art bħal dik tagħhom f'Nazzaret,*
*jistħoqqilna niġu magħhom ingawduk fil-ġenna għal dejjem.*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**Il-Ħamis, 2 ta' Mejju**

San Atanasju - isqof u duttur tal-Knisja
San Ġużepp M. Rubio Peralta - saċerdot

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 15: 7-21 | Mhux ta' min idejjaqhom lill-pagani li jikkonvertu lejn Alla. |
| 2. Salm 95:1-3,10 | Xandru fost il-popli kollha l-għeġubijiet tal-Mulej. |
| 3. Ġwanni 15: 9-11 | Ibqgħu fi mħabbti, biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ. |

**SAN ĠUŻEPP M. RUBIO PERALTA -** saċerdot (1864-1929)

- Dan is-saċerdot Ġiżwita hu miżmum bħala wieħed mill-appostli ta' Spanja. Twieled f'Dalias (Almeria) Spanja, iben familja ta' merkanti, wieħed mis-sitt ulied li għexulhom. Studja fis-seminarju ta' Granada.

- ❖ Fl-1886 temm l-istudji tiegħu f'Madrid fejn ħa l-liċenzjat fit-teoloġija u d-dottorat fil-liġi kanonika. Kien ordnat saċerdot djoċesan ta' 23 sena fl-1887.
- ❖ Xtaq jingħaqad mal-ġiżwiti imma ma ħallewx. Wara li ħadem għal ftit żmien f'parroċċa, fl-1890 kien imsejjaħ Madrid biex jgħallem il-Latin, il-metafiżika u t-teoloġija pastorali fis-Seminarju, barra milli kien eżaminatur djoċesan u kappillan tal-irħieb ta' San Bernard.
- ❖ Wara pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa, fl-1906 daħal bħala novizz ġiżwita; kellu dik il-ħabta 42 sena. Sentejn wara għamel il-professjoni perpetwa. Id-djoċesi ta' Madrid ddispjaċiha li tilfitu, imma hu kien kapaċi jkompli l-appostolat tiegħu mod ieħor. Wara tliet snin f'Sivilja u Manresa, hu kien assenjat fid-dar tal-ġiżwiti f'Madrid fejn baqa' sakemm miet fit-2 ta' Mejju 1929.
- ❖ P. Ġużepp Rubio kien saċerdot ta' ħajja spiritwali profonda mibnija fuq devozzjoni soda lejn Ġesù Ewkaristija u l-Qalb Imqaddsa. Kien magħruf bħala predikatur, direttur spiritwali u mexxej tal-irtiri magħluqa.
- ❖ Kien jgħaddi ħin twil fil-konfessjonarju u jippriedka spiss, bi stil sempliċi nieqes mir-rettorika imma kapaċi jgħallem. Permezz tiegħu bosta erwieħ sabu triqthom mill-ġdid lejn il-Mulej u sabu l-paċi ta' qalbhom.
- ❖ Għen mhux ftit fil-qawmien spiritwali ta' naħat foqra u mitluqa ta' Madrid. Ħeġġeġ lil bosta lajċi għall-appostolat u lir-reliġjużi biex jgħixu l-vokazzjoni tagħhom.
- ❖ P. Ġużeppi M. Rubio kien iddikjarat beatu mill-Papa Pawlu VI; Papa Ġwanni-Pawlu II iddikjarah qaddis fl-4 ta' Mejju 2003.

**Riflessjoni:**
Fit-Testment il-Qadim, Alla għamel ħafna ħwejjeġ sbieħ lill-poplu tiegħu. Dawn kienu kollha sinjali jew tbassir ta' dak ix-xogħol kbir li Kristu nnifsu kien għad irid iwettaq, u li bih kellu jagħti glorja perfetta lil Alla, jiġifieri bil-**Passjoni**, il-**Mewt**, il-**Qawmien** u **Tlugħ Glorjuż** tiegħu. Fl-ewwel parti tal-Katekesi naraw kif dan il-Misteru Paskali ta' Kristu kien att ta' saġrifiċċju, ta' mħabba u ubbidjenza, fejn l-umanità kollha nidmet u marret lura għand il-Missier. Il-Knisja hija l-ewwel frott tal-ħidma ta' Kristu. Għalhekk huwa xieraq li l-Knisja tkun trid tiċċelebra dan ix-xogħol li waqqaf l-eżistenza tagħha.

"Doorway to Faith", Alive Publishing

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med.120, it-2 punt**
*The Arians always regarded Saint Athanasius as their enemy and always opposed him, first, at his election, which they tried their best to prevent because they could not tolerate that the one who had so strongly opposed their leader might be in a position to halt the progress of their heresy. This he would quite easily be able to do, clothed with the authority of a bishop and especially as Patriarch of Alexandria.*
*It is impossible to work for the destruction of erroneous teaching without gaining the enmity of those who maintain it. If no heretics oppose you, because there are perhaps none in the places where you teach, still you can be sure that as long as you have a solid piety and keep your distance from the world, dissolute and worldly*

*people will speak out against you. But just as Saint Athanasius always had God as his protector, do not doubt that God will take your side and will be your defender.*



**TALBA**

*O Alla Missier,*
*inti tajt il-ħajja lid-dinja kollha*
*bil-qawwa tal-kelma tiegħek*
*li dehret fid-dalma ta' dan it-taħwid;*
*inti tajt ħajja ġdida*
*bil-qawwa tal-kelma tiegħek*
*li saret bniedem, imsallab u rxuxtat*
*għas-salvazzjoni tagħna.*
*Żommna sodi fil-fidi*
*li San Atanasju għallimna*
*u li għaliha hu bata ħafna,*
*bl-istess Kristu Sidna.*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**Il-Ġimgħa, 3 ta' Mejju**
San Filippu u San Ġakbu - appostli
Is-Sejba tas-Salib Imqaddes

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1.1Korintin 15: 1-8 | Il-Mulej deher lil Ġakbu u wara lill-appostli kollha. |
| 2. Salm 18: 2-5 | Mal-art kollha jasal leħinhom. |
| 3. Ġwanni 14: 6-14 | Ilni daqshekk magħkom u għadkom ma għaraftunix? |

**SAN FILIPPU U SAN ĠAKBU -** appostli (l-1 seklu)

**San Filippu**

- Kien minn Betsajda fuq ix-xatt tal-Għadira ta' Ġeneżaret. Kien wieħed mill-ewwel appostli ta' Ġesù. Kien miżżewweġ u kellu xi wlied bniet. Kif sar jaf b'Ġesù, billi xtaq li ħabibu Natanjel jieħu sehem fil-ferħ li kien ħass, mar sab lil dan sieħbu u qallu: "*Sibna lil dak li Mosè fil-Liġi u l-Profeti kitbu dwaru – Ġesù ta' Nazzaret*. " Kollu mgħaġġeb Natanjel qallu: "*Tista' minn Nazzaret toħroġ xi ħaġa tajba*?" Filippu wieġbu: "*Ejja u ara*. " Dak akkumpanja lil Filippu u Natanjel sar wieħed mid-dixxipli ta' Ġesù. (Ġw 1, 43-46)
- Jerġa' jissemma fil-miraklu tat-tkattir tal-ħobż, meta Ġesù, kif ra folla kbira miġbura madwaru, staqsa lil Filippu: "*Mnejn nixtru l-ħobż biex dawn ikollhom*

*x'jieklu*?" L-evanġelista jgħid li dan qalulu biex jippruvah, għax hu kien jaf x'sejjer jagħmel. Filippu wieġbu: "*Mitejn dinar ħobż ma jkunux biżżejjed għalihom biex kull wieħed minnhom jieħu ftit.*" (Ġw 6, 3-9)

- Waqt li Ġesù kien qed jagħmel l-aħħar ċena mal-appostli tiegħu, Filippu talab lil Ġesù: "*Sinjur, urina lill-Missier u jkun biżżejjed għalina.*" Ġesù wieġbu: "*Ilni daqsekk magħkom, Filippu, u għadek ma għaraftnix? Min ra lili ra lill-Missier ukoll. Kif tgħidli 'Urina l-Missier'? Ma temminx li jiena fil-Missier u l-Missier fija?"* (Ġw 14, 8-9)
- Jingħad li wara nżul l-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli nhar il-Pentekoste, San Filippu mar ixandar l-Evanġelju fl-Asja ż-Żgħira, akkumpanjat minn uliedu xebbiet. Miet maqtul f'Ġerapoli fil-Friġja.

**Ġakbu**, imsejjaħ **iż-Żgħir**

- Kien iben Alfew (jew Klopa) u Marija, waħda min-nisa li kienu jimxu wara Ġesù. Hu ħu San Ġuda Taddew. Jissejjaħ iż-Żgħir jew għax kien iżgħar fl-età mill-appostlu l-ieħor bl-istess isem, magħruf bħala Ġakbu l-Kbir, jew inkella għax kien magħżul appostlu warajh.
- Hu maħsub li kien qarib ma' Ġesù. Kien raġel ġust, li nħatar l-ewwel isqof ta' Ġerusalemm. L-ittra fit-Testment il-Ġdid, imsejħa ta' San Ġakbu, jingħad li nkitbet minnu fis-sena 47 u kienet aktarx indirizzata lill-knejjes tas-Sirja li l-membri tagħhom kienu ġew diskriminati u ppersegwitati minħabba t-twemmin ġdid tagħhom.
- San Ġakbu sofra l-martirju fis-sena 61 billi tefgħuh miċ-ċint tat-tempju u, billi ma mietx mill-ewwel, kien imħaġġar u maqtul bid-daqqiet.

**Riflessjoni:**

Biex in-nies jaraw lil Ġesù llum, iridu jarawh fina permezz tagħna u jekk ma mmutux, ma nagħmlux sagrifiċċju, ma nbatux fl-għejxien tagħna, mhux ser jarawh.
Lesti li mmewtu ġo fina l-egoiżmu tagħna biex joħroġ fil-beraħ Kristu sabiex mil-proxxmu tagħna, il-familjari tagħna, il-ħbieb tagħna jaraw lil Ġesù permezz tagħna?

"Mitt Minuta mal-Mulej" – Fr. Charles Fenech

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 121, it-2 punt**

*The crosses of the two thieves were also discovered with that of Jesus Christ, but the cross of Jesus was recognized by several miracles that took place when it was touched, especially by the resurrection of a deceased person. According to Saint Paulinus' account, this corpse had shown no sign of life when touched by the other two crosses.*
*In this world there are crosses of thieves and those of Jesus Christ. Those of the thieves have no grace attached to them and impart no movement of life in those who endure them, because these people carry them with the wrong dispositions. The crosses of Jesus Christ are those that often work miracles, procure a good spirit of self-denial, inspire the practice of other virtues, and sometimes even revive the dead by giving an aversion and horror for sin.*

*Is the cross you carry the cross of Jesus Christ? How do you recognize this? Do the difficulties you suffer lead you to practice many virtues? Pay attention to this: if these crosses turn you away and make you complain, they are the crosses of thieves.*



**TALBA: lil Ġesù Msallab**

Hawn jien, O Ġesù maħbub tiegħi,
*mixħut għarkupptejja quddiemek.*
*Nitolbok, bl-akbar ħrara li tnissel f'qalbi*
***twemmin**, **tama** u **mħabba** l-aktar qawwija*
*kif ukoll **indiema** kbira ta' dnubieti*
*u fehma sħiħa li ma noffendik qatt iżjed.*
*Filwaqt li jiena, bl-imħabba u bil-ħniena kollha,*
*sejjer naħseb fuq il-ħames pjagi tiegħek,*
*b'dak il-kliem quddiem għajnejja li qal fuqek il-profeta David:*
*"Nifduli idejja u riġlejja: għaddewli għadmi kollu."*

**Missierna ...**

**Is-Sibt, 4 ta' Mejju**

San Florjanu - martri

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| I. Atti 16: 1-10 | Ejja l-Maċedonja u għinna! |
| 2. Salm 99:1-3,5 | Għajtu bil-ferħ lill-Mulej, nies kollha tal-art. |
| 3. Ġwanni 15: 18-21 | M'intomx tad-dinja, għax jien ħriġtkom mid-dinja. |

**SAN FLORJANU -** martri (†304)

- Florjanu kien uffiċjal fl-armata Rumana, fi żmien l-imperatur Djoklezjanu, u kien jokkupa post għoli ta' amministratur ċivili f'Noricum, illum parti mill-Awstrija.
- L-"Atti" tiegħu li waslulna, minkejja li huma tas-seklu VIII, huma miżmumin li għandhom bażi storika soda. Skont dawn, hu mar minn rajh lejn is-suldati ta' Aquilinum, meta dawn kienu qed jarrestaw lil kull min kien jistqarr it-twemmin nisrani. Talbuh jiċħad il-fidi, imma billi ma riedx, sawtuh għal darbtejn, selħuh u fl-aħħar anki tefgħuh fix-xmara Enns b'ġebla marbuta ma' għonqu. Dan kien fis-sena 304.
- Ġismu ġabritu mara twajba li tagħtu difna nisranija, u aktar tard il-fdal tiegħu ttieħed f'Abazija Agostinjana ta' San Florjanu, qrib Linz, fl-Awstrija.
- Jingħad li l-Papa Luċju III, fl-1138, offra xi partijiet mir-relikwi tal-qaddis lir-re Każimiru tal-Polonja u lill-isqof ta' Krakovja. Minn dak iż-żmien, San Florjanu beda jitqies bħala l-patrun tal-Polonja u ta' Linz.

- F'ħafna bliet u rħula fiċ-ċentru tal-Ewropa, id-devozzjoni lejn dan il-martri San Florjanu hi mxerrda ħafna. Hu msejjaħ fil-periklu min-nar u mill-ilmijiet.
- It-tradizzjoni li San Florjanu ħa l-martirju fuq il-post fejn ix-xmara Enns tferra' fuq id-Danubju hija waħda qadima u ta' min joqgħod fuqha.

**Riflessjoni:**
Il-qima "fl-ispirtu u l-verità" (Ġw 4,24) tal-Patt il-Ġdid mhijiex marbuta ma' xi post wieħed biss. L-art kollha hi mqaddsa u fdata lil ulied il-bnedmin. Dak li jiġi l-ewwel, meta l-insara jinġabru f'xi mkien wieħed, huwa "l-ġebel ħaj", l-insara stess li nġabru "ħa jinbnew f'dar spiritwali" (1 Piet 2,4-5). Il-ġisem ta' Kristu Rxoxt hu t-tempju spiritwali li minnu toħroġ għajn ta' ilma ħaj. Imdaħħlin fil-ġisem ta' Kristu permezz ta' l-Ispirtu s-Santu "aħna t-tempju ta' Alla l-ħaj" (2 Kor 6,16).

Katekiżmu tal-Knisja Kattolika: Artiklu 1179

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 39, l-2 punt**
*...in this prayer that Jesus Christ asks of his Eternal Father for his holy Apostles is that he sanctify them in truth; in other words, he does not want them to be holy with a merely external justice, like that required under the Old Law. He wants their hearts to be purified and sanctified by grace and by a sharing in the divine holiness which is in Jesus Christ. They need to participate in this holiness if they are to contribute to the sanctification of others. He adds that this is why he is offering himself to the Father and that he wishes to be made holy by the death he is about to undergo on the cross.*
*Because in your state of life you are called to procure the sanctification of your students, you ought to be holy in no ordinary degree, for you must communicate this holiness to them, both by your good example and by the words of salvation that you must address to them every day. Interior application to prayer, love for your exercises, fidelity in performing them well and in carrying out all the other community practices will especially help you to acquire this holiness and the perfection that God wishes you to have. Beg God for it daily with great earnestness. Have this so much at heart that you never cease praying for it until you have obtained it.*

**TALBA**



*Mulej Ġesù,*
*illum jiena nitlob għall-parroċċa tiegħi,*
*għall-qassisin u d-djakni,*
*u l-poplu ġar,*
*li għalihom int sejjaħtilna biex inkunu xhieda.*
*Agħmel li l-Knisja u l-miġemgħa*
*fil-Liturġija*
*tkun xhieda għalik fid-dinja kollha.*
*Ammen.*

'Doorway to Faith'

**Missierna ...**

**Il-Ħadd, 5 ta' Mejju**
Is-Sitt Ħadd tal-Għid

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 15: 1-2,22-29 | Lill-Ispirtu s-Santu u lilna dehrilna li aħna ma għandna ngħabbukom b'ebda piż ieħor aktar minn dak li hu meħtieġ. |
| 2. Salm 66 :2-3,5,6,8 | Fost il-ġnus Alla wera s-salvazzjoni tiegħu. |
| 3. Apokalissi 21:10-14,22,23 | L-anġlu wrieni l-Belt il-Qaddisa nieżla mis-sema. |
| 4. Ġwanni 14: 23-29 | L-Ispirtu s-Santu jfakkarkom dak kollu li għedtilkom. |

**Riflessjoni tal-Vanġelu:**

- Il-vanġelu ta' llum huwa r-risposta għall-mistoqsija tal-appostlu Ġuda (mhux l-Iskarjota) meta jistaqsi lil Ġesù kif kellu juri lilu nnifsu lilhom u lid-dinja. Tidher ħaġa assurda kif il-ġrajja tas-salvazzjoni ma timmanifestax ruħha quddiem id-dinja imma tinħeba fi spazju magħluq bħala rivelazzjoni personali. L-appostlu m'hu jagħmel xejn aktar milli jesprimi x-xewqa li hemm f'kull bniedem li jikkontempla l-glorja t'Alla, li mbagħad tgħarrafna s-salvazzjoni u hekk teqred il-ħażen u d-dubji tad-dinja.
- Ġesù għal darb'oħra jiddiżappunta lid-dixxipli. Aħna wkoll ma nistgħux ma nistaqsux kif id-diżastru tat-traġedja tas-salib kien jaf bih kulħadd, mentri l-ġrajja glorjuża tal-qawmien mill-mewt kienet riżervata għal ftit. Illum ukoll it-traġedja tal-ħażen tidher, imma t-tajjeb spiss jibqa' moħbi, u naħsbu li anqas biss jeżisti. L-esperjenzi ta' kuljum juruna kif inkunu nafu sewwa biss lil dawk li verament inħobbu: "ma narawx sew jekk mhux b'qalbna, għax l-essenzjali ma jidhirx bl-għajnejn." Jgħid il-volpi lill-prinċep ta' Saint-Exupery, u forsi veru wkol dak li jgħid Blaise Pascal "il-verita daż-żmien, tant hi moħbija u l-gideb tant stabbilit, li jekk ma tkunx tħobb il-verita ma tagħrafhiex."
- Biex it-tajjeb jingħaraf jeħtieġlu li xi ħadd ikun jixtiequ, ifittxu, anzi jħobbu b'qalbu kollha; dan jikkonfermah Ġesù meta lill-appostlu jfakkru li impossibbli tagħraf 'l Alla jekk ma tħobbux. Kif tista' tagħmel l-umanita li anqas taf fejn hi sejra, biex issib dak li anqas hi kapaċi tagħraf? Propju għalhekk l-imħabba ħanina t'Alla niżlet fostna bħala pellegrin fid-dinja biex tkun tista' tinstab minn kull min ifittixha. Hekk biss jaf juri lilu nnifsu Alla li hu jaf biss iħobb, Missier li wera lilu nnifsu bħala l-Imħabba, il-bidu ta' dinja ġdida, Ġerusalemm il-ġdida. Biex tinbet il-fidi m'hemmx bżonn ta' xi viżjoni meraviljuża jew xi laqgħa ma Kristu Rxoxt, imma l-esperjenza intima tal-għaqda ma Alla. "Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu." Ġw14:23

- Din l-esperjenza intima tal-għaqda ma Alla m'għandhiex x'taqsam mas-sentimentaliżmu ta' ħafna devozzjonijiet individwali li huma barra mir-rejalta. Alla tagħna jagħżel li jgħammar f'qalb min iħobbu u jilqgħu u jgħix ħajtu skont il-Kelma tiegħu, jagħti garanzija tad-dinjita tal-bniedem, dinjita li ebda dnub ma jista' jħassar, li ebda poter m'għandu l-permess li jgħaffeġ.
- Alla li wera lil Ibnu l-maħbub jibagħtilna wkoll rigal ieħor l-Ispirtu s-Santu, Difensur biex jissiġilla r-rikonċiljazzjoni bejn art u sema u hekk jurina kif meta nippruvaw inqiegħdu d-drittijiet t'Alla kontra dawk tal-bniedem se jkun hemm falliment kbir.
- Alla li jimxi fit-toroq tal-bnedmin u jwissina li min jaħseb li jista' jżomm il-fidi safja billi jinqata' mill-ġrajjiet tal-bnedmin li jbatu u jistennew il-ħelsien imwiegħed, ikun jilludi ruħu.
- Alla li ma stmerrx jidħol fil-qalba tal-konflitt li jifni d-dinja biex iwassal id-don tal-paċi sħiħa u dejjiema –"Jiena nagħtikom is-sliem; nagħtikom is-sliem tiegħi;" Ġw 14:27 ma jħalli lil ħadd igawdi l-ħajja waħdu, għaliex wara Ġesù m'huwiex permess li xi ħadd ikun ferħan waħdu.

*Minn – La Realta e' Cristo, Don Davide Rota*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 38, l-1 punt**

*To induce us powerfully to pray, Jesus Christ assures us explicitly that we will receive everything that we ask for. Whoever asks, he says, will receive. Prayer has this efficacy in itself; this is precisely what God promises us. The more we ask of God, the more he gives, because he takes great delight in granting our prayers. God would not urge us so strongly to make requests of him, says Saint Augustine, if he were not disposed to give us what we ask and if he did not will this effectively.*

*Be ashamed, then, to be so slothful and negligent in praying to God, who has a greater desire to give than you desire to ask. He has more compassion on your wretchedness than you have the desire to be delivered.*

*Have the courage, therefore, to believe the One who so strongly addresses you. Be worthy of his promises, and take pleasure in having recourse to him. Is there anyone," asks Saint Augustine, who has been confident of obtaining something from God and has been disappointed?*

## L-ISPIRTU TA' FIDI U L-EFFETTI TIEGĦU

1. LI MA TĦARES LEJN XEJN JEKK MHUX BL-GĦAJNEJN TAL-FIDI.
2. LI MA TAGĦMEL XEJN JEKK MHUX GĦAL ALLA.
3. LI TQIS KOLLOX BĦALA ĠEJ MINN ALLA.

l-Ispirtu ta' Fidi huwa spirtu li f'kollox jirregola ruħu li jimxi fuq il-massimi u s-sentimenti meħudin mill-Iskrittura.



**TALBA**

*Alla tiegħi,*
*jiena noffrilek il-ħsibijiet kollha tiegħi,*
*il-kliem u l-għemejjel kollha ta' din il-ġurnata,*
*biex ikunu kollha kkonsagrati lilek;*
*b'hekk jiena nikseb l-imħabba qaddisa tiegħek,*
*dik l-imħabba li tant nixtieq.*
*Noffrilek din il-ħajja ġdida*
*li inti tajtni x'ħin qajjimtni mir-raqda.*
*Agħmel li tkun għalija ħajja ta' grazzja*
*biex inkun nista' nistqarr,*
*li mhux jiena li qed ngħix,*
*imma li Kristu jgħix fiha.*

Adattata minn *"Manual of Piety",* SJB.De La Salle

**Missierna ...**

**It-Tnejn, 6 ta' Mejju**
Santa Katerina Trojani
San Eadbert – isqof

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 16: 11-15 | Il-Mulej fetaħ qalb Lidja biex tifhem dak li kien igħid Pawlu. |
| 2. Salm 149: 1-5,6a u 9b | Il-Mulej jitgħaxxaq bil-poplu tiegħu. |
| 3. Ġwanni 15: 26 –16: 4a | L-Ispirtu tal-verità jixhed għalija. |

**IL-BEATA KATERINA TROJANI -** reliġjuża (1813-1887)

- Din il-beata waqqfet il-Franġiskani Missjunarji tal-Eġittu u għandha rabtiet ma' pajjiżna, mhux biss għax ġiet Malta, imma wkoll Malta daħlet f'ħin importanti ta' ħajjitha għax il-missjoni tagħha bdiet fost il-Maltin ħutna emigranti fl-Eġittu fejn kien hemm kolonja taqbeż it-3,000 Maltin.
- Twieldet fi Frosinone, fl-Italja, nhar it-13 ta' Mejju 1813. Ommha mietet traġikament fi kwistjoni familjari meta Katerina kellha sitt snin; minħabba f'hekk it-tifla trabbiet mas-sorijiet Klarissi ta' Ferentino, u ta' ftit inqas minn 17-il sena hi ngħaqdet magħhom. Kien it-8 ta' Diċembru 1829 u isimha, li kien Costanza, issa sar Swor Katerina ta' Santa Rosa ta' Viterbo.
- Nhar il-25 ta' Awwissu 1859 marret l-Eġittu bħala missjunarja flimkien ma' erba' sorijiet oħra. Waslu l-Kajr fl-14 ta' Settembru u ma damux ma waqqfu fi Clot Bey l-ewwel dar tagħhom għat-tfal iltiema, foqra u abbandunati. Madre

Katerina kellmet lill-viċi-re tal-Eġittu, il-Kediv Ismael Paxà, li anki taha biċċa art kbira u kwantità ta' qamħ kull sena. Wasal li qalilha: "*Irrid inkun il-missier tagħkom.*"

- Meta l-għadd ta' tfal kiber sew, Madre Katerina rat li ma setgħux jibqgħu sorijiet tal-klawsura u, għalhekk fl-1868, marret Ruma u kisbet il-permess li twaqqaf kongregazzjoni ġdida, dik tal-Franġiskani Missjunarji tal-Eġittu, illum imsejħin Franġiskani Missjunarji tal-Qalb Immakulata ta' Marija. Dawn is-sorjiet illum jinsabu f'diversi pajjiżi, ukoll f'Malta fejn għandhom dar il-Birgu u oħra l-Ħamrun.
- Madre Katerina Trojani, li ġiet imlaqqma "Omm il-Foqra", mietet il-Kajr ta' 74 sena nhar is-6 ta' Mejju 1887.
- Iddikjaraha beata l-Papa Ġwanni-Pawlu II fl-14 ta' April 1985.

**Riflessjoni:**

L-Ispirtu s-Santu jrid jagħtina d-doni tiegħu b'tant abbundanza, li dawn fil-ħajja spiritwali tagħna jkunu bħal xmara nieżla bil-qliel. Qiegħed jistennina biss li aħna neħilsu lir-ruħ tagħna minn kull ostaklu possibli, li nitolbuh għal purifikazzjoni akbar, u li mill-fond ta' qalbna ngħidulu li qed nistennewh jiġi u jimla r-ruħ tagħna u jħeġġeġ fiha n-nar tal-imħabba tiegħu. *"Life Out of Death"* Harold A. Buetow

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:**

**'A Collection of Various Short Treatises'**

*Faith ought to be the light and the guide of all Christians to lead and to direct them in the way of salvation. This is why Saint Paul tells us that the just, that is, true Christians, live by faith, because they are guided by and their actions are performed with views and motives of faith. It is of the utmost importance, therefore, that we who belong to an Institute whose aim is to educate the children confided to our care in the Christian spirit and to procure this for them be imbued and so completely filled with the spirit of faith that we will consider the sentiments and the maxims of faith as the rule of our conduct and the spirit of faith as the spirit of our Institute.*

**TALBA**

*O Alla,*
*nitlob għal dawk*
*li f'dan iż-żmien tal-Għid*
*irċevew is-sagrament tal-Magħmudija,*
*biex il-ħajja nisranija tagħhom*
*ikomplu jgħixuha*
*u jibqgħu jikbru fi xbieha ta' Kristu.*
*Ammen.*



'Doorway to Faith'

**Missierna ...**

**It-Tlieta, 7 ta' Mejju**
San Ġwann ta' Beverly - isqof († 721)
Santa Roża Venerini

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 16: 22-34 | Emmen fil-Mulej Ġesù, u ssalva int u l-familja tiegħek. |
| 2. Salm137 :1,2abċ-3,7ċ,8 | Mulej, il-leminija tiegħek issalvani. |
| 3. Ġwanni 16: 5-11 | Jekk ma mmurx, id-difensur ma jiġix għandkom. |

**SANTA ROŻA VENERINI** (1656-1728)

- ❖ Twieldet f'Viterbo fejn missierha kien tabib. Meta kienet għadha tifla għamlet wegħda li ssir reliġjuża, iżda meta tfarfret bdiet tagħti l-lala għal ħafna ġibdiet kuntrarji u anki bdiet tipprepara biex tiżżewweġ. Iddeċidiet li ttemm il-wegħda ta' tfulitha meta l-għarus tagħha miet għal għarrieda.
- ❖ Daħlet mas-sorijiet Dumnikani tal-istess belt meta kellha 17-il sena. Hi kellha tmur lura darha ftit xhur wara minħabba l-mewt ta' missierha biex tieħu ħsieb lil ommha li kienet marida ħafna.
- ❖ Filgħaxija kienet tiġbor xi nisa biex jgħidu r-rużarju u bdiet ukoll tgħallimhom it-tagħlim nisrani.
- ❖ Taħt id-direzzjoni ta' saċerdot Ġiżwita, fl-1685 Roża fetħet l-ewwel skola tagħha f'Viterbo, bla ħlas. Bid-don li kellha biex tħarreġ oħrajn biex jgħallmu, hi fetħet skejjel bnadi oħra.
- ❖ L-isqof ta' Montefiascone sejħilha fid-djoċesi tiegħu fejn iltaqgħet ma' Santa Luċija Filippini u għenitha twaqqaf l-ewwel skola tagħha f'dik il-belt. It-tnejn saru ħbieb kbar ta' xulxin.
- ❖ Sentejn wara, fl-1687, reġgħet lura lejn Viterbo fejn hi u sħabha ffurmaw kongregazzjoni reliġjuża ta' sorijiet.
- ❖ Roża waqqfet djar oħra, fosthom waħda f'Ruma, fejn mar iżurha l-Papa Klement XI u anki bierek u approva l-kongregazzjoni u l-ħidma tagħha.
- ❖ Wara aktar minn 40 sena ta' xogħol iebes u vjaġġi diffiċli, Roża Venerini mietet f'Ruma fid-dar ta' San Mark fis-7 ta' Mejju 1728 fl-għomor ta' 72 sena. Meta mietet kellha erbgħin dar tal-istitut tagħha miftuħin fi 17-il djoċesi.
- ❖ Santa Roża Venerini kienet iddikjarata beata minn Piju XII fl-4 ta' Mejju 1952. Iddikjaraha qaddisa l-Papa Benedittu XVI fil-15 ta' Ottubru 2006.
- ❖ Is-sorijiet tagħha, magħrufa bħala Maestre Pie Venerini, jgħoddu madwar 400, u jinsabu fl-Ewropa u fl-Istati Uniti, kif ukoll f'xi artijiet tal-missjoni.

**Riflessjoni:**

Fuq livell spiritwali, aħna mxenqa għall-qawwa u l-faraġ tal-Ispirtu s-Santu. L-Ispirtu s-Santu – l-aqwa rigal ta' mħabba li Alla seta' jagħtina – jinsab maġenbna, lest biex ifarraġna meta nitolbuh, u jgħinna fi żminijiet diffiċli. Għalkemm anke wħud li ma għandhom l-ebda reliġjon, kapaċi jfarrġu lil xulxin, il-ħbiberija tagħna mal-Ispirtu s-Santu ta' Alla hija aktar fil-fond u aktar tal-għaġeb. Dan ma jitfissirx b'xi kliem estatiku jew xi viżjonijiet mdawwla. L-Ispirtu s-Santu ħafna drabi huwa ferm aktar sottili – (dejjem lest) – milli jaħsbu xi nies. Kull ħajja spiritwali, kull qdusija ġejja mill-Missier bis-saħħa ta' Ġesù u l-għemil tal-Ispirtu s-Santu.

*"Life out of death"* ta' Harold A. Buetow

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:**

**'A Collection of Various Short Treatises'**

*Make these examinations according to the five points prescribed by Saint Ignatius:*

*1. implore the assistance of the Holy Spirit;*
*2. be thankful for God's benefits;*
*3 seriously try to identify the faults you have committed;*
*4. develop sentiments of sorrow and shame for them;*
*5. make a good resolution, and determine the means to carry it out.*

*The main elements in this exam are sorrow and remorse, together with the effective resolutions taken. Hence, you usually ought to pause and to apply yourself more to these points than to the others.*



**TALBA**

*Spirtu s-Santu,*
*jekk jogħġbok imlieni bi gratitudni*
*għall-grazzja li inti tajtni, il-magħmudija.*
*F'kull ġurnata*
*għinni nġib quddiem għajnejja,*
*li bis-saħħa tiegħek,*
*jien sirt ħolqien ġdid fi Kristu.*
*Ammen.*

'Doorway to Faith'

**Missierna ...**

**L-Erbgħa, 8 ta' Mejju**

L-Imqaddsa Verġni Marija tal-Kewkba - omm l-iskejjel insara
Il-Madonna ta' Pompej
Beatu Lwigi Rabatà - presbiteru
Beatu Ġeremija ta' Valacchia - reliġjuż
L-Imqaddsa Verġni Marija tal-Grazzja

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 17: 15,22 –18: 1 | Dak li intom tqimuh bla ma tagħarfuh,inħabbarulkom jien. |
| 2. Salm 148: 1,2.11,12-14 | Is-smewwiet u l-art mimlija bil-glorja tiegħek. |
| 3. Ġwanni 16: 12-15 | L-ispirtu tal-verità, iwassalkom għall-verità kollha. |

**IL-MADONNA TA' POMPEI**

- Is-Santwarju ċelebri ta' Pompei twaqqaf mill-Beatu Bartolo Longo, avukat minn Lecce u Terzjarju Dumnikan. Tiegħu tqiegħdet l-ewwel ġebla fit-8 ta' Mejju 1875.
- Is-sena ta' wara, twaqqfet hemmhekk il-Konfraternità tar-Rużarju u f'qasir żmien, id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pompei xterrdet mhux biss mal-Italja kollha, imma wkoll bnadi oħra saħansitra fl-Amerika ta' Fuq u t'Isfel u anki fl-Indja.
- Peress li l-ewwel kwadru tal-Madonna li wasal Pompei minn Napli fuq il-karru taż-żibel kien f'kundizzjoni ħażina, fl-1879, saritlu riparazzjoni u restawr mill-pittur famuż Maldarelli u ġie meħud solennement u trijonfalment għal ġos-santwarju monumentali fit-8 ta' Mejju 1887. Ġie wkoll inkurunat b'kuruna prezzjuża, imbierka mill-Papa Ljun XIII.
- Il-Beatu Bartolo waqqaf ukoll orfanatrofju, dar għal ulied il-ħabsin, stamperija fejn stampa daqs 100 ktieb żgħir tad-devozzjoni li kiteb huwa stess, u beda l-perjodiku "Ir-Rużarju u Pompei Ġdida" li għadu joħroġ sal-lum. Huwa wkoll, għad li sekular, il-fundatur ta' Sorijiet Terzjari Dumnikani, imsejħin, "Ulied ir-Rużarju Mqaddes".
- Miet ta' 85 sena fil-5 t'Ottubru 1926 u l-fdal tiegħu jinsab meqjum fil-kripta tas-Santwarju, illum Bażilika Pontifiċja u Prelatura Nullis, tal-Madonna tar-Rużarju f'Pompei.
- Longo ġie bbeatifikat mill-Papa Ġwanni Pawlu II fis-26 t'Ottubru 1980.
- L-istitut tal-orfni u tat-tfal tal-ħabsin huwa mmexxi mill-Brothers Taljani għas-subien u mis-sorijiet għall-bniet.
- Id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pompei hija mxerrda mal-ħames kontinenti. Kull fejn hemm it-Taljani għandek issib "Pompei".
- F'Malta l-parroċċa ta' Marsaxlokk hija ddedikata lill-Madonna ta' Pompei u bosta Maltin huma abbonati fil-Messaġġier ta' Pompei.

**Riflessjoni: Inħarsu lejn Marija:**
Ejjew inħarsu lejn Marija l-aktar qaddisa. Ix-xebba umli tal-Mulej, il-verġni hija mudell ta' persuna tassew spiritwali li hija kollha kemm hi ħielsa għaliex hija immakulata, eżenti minn kull dnub u kollha kemm hi qaddisa, li tat lilha nnfisha għall-qadi lejn Alla u l-proxxmu. Agħmel li hi tgħinna, bl-imħabba tagħha materna, biex nimxu wara Ġesù, nagħarfu l-verità u ngħixu ħielsa fl-imħabba.

Papa Benedittu XVI waqt l-Anġelus nhar 1 ta' Lulju, 2007

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 151, it-2 punt**
*What must oblige us most especially to have a great devotion to the Most Blessed Virgin is the fact that she is so highly honored by the Eternal Father. He has given her a position above all pure creatures because she bore in her womb the One who is equal to him and who is one in nature with him. She is exalted above all creatures because of the abundance of grace bestowed on her, which surpasses that given to anyone else, and because of the purity of her life, which no one has equaled. This led Saint Anselm to declare that it was only right that Mary be clothed in great glory and lifted high above all creation, because, after God, no one is superior to her.*
*Is it not to be incomparably raised above all creatures to have become the temple of the living God when she conceived the Son of God? For this reason, we apply to her the words of Psalm 132: God has chosen her to make his dwelling in her, and these other words from Psalm 65: Your temple is holy. Abbot Rupert goes even farther; he says that once the Holy Spirit had visited the Most Blessed Virgin to make her conceive the Son of God, she became totally beautiful with a divine beauty. This made Saint Bernard say that we ought to honor the Most Blessed Virgin with the tenderest of devotions because God placed the fullness of all good in her when he enclosed the divine Word in her womb.*



**TALBA**

*Qaddisa Marija omm Alla,*
*int tajt lid-dinja l-vera dawl,*
*Ġesù ibnek u l-iben ta' Alla.*
*Inti ntlaqt kompletament f'idejn Alla,*
*u sirt għajn*
*ta' tjieba li toħroġ minnu.*
*Urina lil Ġesù, wassalna sa ħdejh.*
*Għallimna nagħarfuh u nħobbuh,*
*biex aħna wkoll insiru kapaċi nħobbu tassew*
*u nkunu nixxiegħa ta' ilma ħaj*
*qalb din id-dinja għatxana.*
*Ammen*.

Papa Benedittu XVI

**Missierna ...**

**Il-Ħamis, 9 ta’ Mejju**
San Ġorġ Preca – l-ewwel qaddis Malti -
presbiteru u fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, M.U.S.E.U.M.
Santa Katerina minn Bologna - verġni



*“Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen.”*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Bin Sirak 21: 11-17, 21 | Bħal tiżjin tad-deheb hu t-tagħlim għall-għaqli. |
| *jew* | |
| 2Timotju 2: 1-11 | Kull ma smajt mingħandi għaddih lil nies ta’ fiduċja, li huma stess ikollhom il-ħila jgħallmuh ukoll lil oħrajn. |
| 2. Salm 119: 33-42 | Għallimni, Mulej, it-triq tal-kmandamenti tiegħek. |
| 3. Mark 16: 14a,16-20 | Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-Tajba lill-ħolqien kollu. |

**SAN ĠORĠ PRECA -** saċerdot Djoċesan (1880-1962)

- ❖ Il-fundatur tas-Societas Doctrinae Christianae, M. U. S. E. U. M. twieled il-Belt Valletta, nhar it-12 ta' Frar 1880. Ta’ tmien snin (fl-1888) il-familja Preca marret toqgħod il-Ħamrun. Ta’ madwar 17-il sena, ħdejn il-Mall tal-Furjana, iltaqa’ ma’ wieħed mill-għalliema tiegħu tal-Liċeo, Dun Ercole Mompalao, u dan qallu: “*Preca, int għad tikber, u nies li jirrispettaw lil Alla jidħlu fil-familjarità miegħek u inti magħhom. Int għad issib xortik permezz tagħhom u huma għad isibu xortihom permezz tiegħek*”. Wara l-istudji tiegħu fil-Liċeo, daħal is-Seminarju jitħejja għal saċerdot.
- ❖ Fit-8 ta’ April 1905 miet Dun Alwig Galea, il-konfessur ta' Ġorġ. Preca kien jirrakonta li ftit wara mewtu, Dun Alwig deherlu f’ħolma u qallu: *“Lilek Alla għażlek biex tgħallimlu ’l-poplu tiegħu.*”
- ❖ Kien proprju bejn l-1905 u l-1906 li Ġorġ Preca ltaqa’ ma’ grupp ta’ żgħażagħ il-Ħamrun u ħajjarhom jattendu għal xi laqgħat ta’ tagħlim. Għażel wieħed minnhom, Eugenio (“Ġeġè”) Borg, u beda jispjegalu l-Iskrittura. Aktar tard lil dan għażlu bħala l-ewwel Superjur Ġenerali tal-MUSEUM u miet b’fama ta’ qdusija.
- ❖ Ftit qabel l-ordinazzjoni saċerdotali, Dun Ġorġ marad u kien għoddu se jmut. It-tabib qata’ qalbu minnu, iżda għalkemm tilef l-użu tal-pulmun tax-xellug, Ġorġ irkupra bl-interċessjoni ta' San Ġużepp. Dun Ġorġ ġie ordnat sacerdot nhar it-22 ta’ Diċembru 1906 mill-Isqof Pietro Pace u ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni fil-Parroċċa ta’ San Gejtanu, l-Ħamrun, nhar il-Milied.
- ❖ Għall-ħabta tal-aħħar ta' Jannar 1907 Dun Ġorġ sejjaħ mill-ġdid lill-grupp taż-żgħażagħ u nhar it-2 ta’ Frar iltaqgħu fil-knisja Ta’ Nuzzo, il-Ħamrun, għal-lezzjoni tiegħu.

- Nhar is-7 ta' Marzu ltaqgħu għall-ewwel darba f'post ċkejken li kienu krew f'nru. 6, Triq Fra Diegu, l-Ħamrun. Dawn iż-żewġ dati jimmarkaw it-twaqqif tas-*Societas Doctrinae Christianae* (Socjetà tad-Duttrina Nisranija).
- Għall-bidu, Dun Ġorġ sejjaħ l-għaqda tiegħu *Societas Papiduum et Papidissarum* jew "Xirka ta' Ulied il-Papa". Intant, il-post fejn kienu jiltaqgħu l-ewwel socji ngħata l-laqam ta' "mużew" u biż-żmien il-laqam tal-post sar l-isem tal-għaqda, u baqa'.
- Dun Ġorġ fassal akrostiku mill-kelma "MUSEUM" bil-Latin: *"Magister utinam sequatur Evangelium universus mundus!"* (Mgħallem, li kien id-dinja kollha timxi fuq l-Evanġelju!).
- Il-fergħa tan-nisa bdiet f'Raħal Ġdid fl-1910 bl-għajnuna ta' Giannina Cutajar li wara saret l-ewwel Superjura Ġenerali.
- Kien għall-ħabta tal-1910 li Dun Ġorġ kellu esperjenza mistika qawwija li hu kien isejjaħ "il-famuża dehra ta' Ġesù Tfajjel". B'din il-viżjoni, hu fehem li Ġesù riedu jagħti ħajtu għat-tagħlim tal-poplu.
- Biż-żmien il-M.U.S.E.U.M. ħa l-bixra li nafuh biha llum: ħaddiema lajċi rġiel u nisa totalment iddedikati għall-appostolat tal-katekeżi kemm taż-żgħar u kemm tal-kbar. L-għaqda mwaqqfa minn Dun Ġorġ kellha l-mumenti iebsin tagħha. Fl-1909 Dun Ġorġ irċieva l-ordni li jagħlaq l-oqsma kollha. Il-qaddej ta' Alla obda bi qsim il-qalb iżda mingħajr tlaqliq. Kienu l-kappillani stess li nsistew li tiġi rrevokata l-ordni tal-Vigarju Ġenerali Mons. Salvatore Grech.
- Bejn l-1914 u l-1915 bdew jidhru fil-ġurnali lokali xi artikli kontra l-M.U.S.E.U.M. li kienu mimlijin disprezz u inġurji. Dun Ġorġ impona fuq il-membri tiegħu l-vot jew wegħda tal-manswetudni li biha ntrabtu li jaħfru mill-qalb lil min ikasbarhom u kien jinsisti magħhom biex "iħobbu d-disprezzi" u ma jħallux li dawn itellfulhom il-paċi ta' qalbhom.
- Fl-1916 l-Isqof Dom Mauro Caruana ordna li ssir inkjesta dwar is-Soċjetà. Wara ħafna taħbit u umiljazzjonijiet għall-fundatur, l-istess Isqof Caruana approva s-Soċjetà. Id-digriet tal-erezzjoni kanonika jġib id-data tat-12 ta' April 1932.
- Dun Ġorġ Preca ħadem kemm felaħ biex ixerred it-tagħlim tal-Evanġelu fil-gżejjer Maltin. Bla dubju, kien appostlu tal-kelma ta' Alla, speċjalment tal-Evanġelu li kien isejjaħlu "Leħen il-Maħbub". Kien jaqra l-qlub tal-bnedmin u kien imżejjen bid-don soprannatura li jħabbar bil-quddiem dak li kellu jseħħ. Kien b'danakollu saċerdot ta' umiltà kbira, twajjeb, ħelu, ġeneruż. Kien ragħaj qaddis tal-poplu ta' Alla.
- Stinka ħafna biex tinxtered id-devozzjoni lejn il-misteru tal-inkarnazzjoni. Sa mill-1917 beda jqanqal il-qima lejn il-kliem mill-Evanġelju ta' San Ġwann, "Verbum Dei Caro Factum Est" (Ġw. 1, 14). Ried li s-soċji jilbsu *badge* b'dan il-kliem.
- Mill-1921 ħa ħsieb li f'kull raħal u belt, lejlet il-Milied, tigi organizzata 'dimostrazzjoni ad unur ta' Ġesù Bambin', użanza li daħlet sew fost id-drawwiet sbieħ tal-Milied malti.

- ❖ Fil-mumenti diffiċli ta' ħajtu u tas-soċjetà tiegħu Dun Ġorġ Preca tgħallem jafda fil-ħarsien qawwi ta' sidtna Marija. Nhar il-21 ta' Lulju 1918 inkiteb bħala terzjarju Karmelitan u fil-professjoni li għamel f'Settembru 1919 għażel l-isem ta' Patri Franku. Ried li t-tfal kollha li jattendu l-M.U.S.E.U.M jinkitbu fil-labtu tal-Karmnu u kellu devozzjoni speċjali lejn il-Madonna tal-Buon Kunsill.
- ❖ Xerred kemm felaħ id-devozzjoni lejn il-Midalja Mirakoluża u minħabba f'hekk il-knisja tad-Dar Ċentrali fil-Blata l-Bajda hi ddedikata lilha.
- ❖ Illum is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija tinsab fl-Awstralja, fl-Ingilterra, fl-Albanija, fis-Sudan, fil-Kenja u fil-Perù. Fit-2 ta' Ottubru 1952, il-Papa Piju XII ħatar lil Dun Ġorġ bħala Kamrier Sigriet bit-titlu ta' Monsinjur. Dun Ġorġ tnikket ħafna minħabba din l-onorifiċenza.
- ❖ Wara ħajja twila mimlija ħidma fejjieda fit-tagħlim tal-poplu ta' Alla, Dun Ġorġ Preca miet fid-dar "San Gejtanu", Triq il-Parroċċa, Santa Venera nhar il-Ħamis filgħaxija tas-26 ta' Lulju 1962. Indifen fil-kripta taħt il-Knisja tal-Madonna tal-Midalja Mirakoluża fil-Blata l-Bajda li malajr saret post ta' pellegrinaġġi.
- ❖ Il-miraklu approvat għall-beatifikazzjoni sar f'Raħal Ġdid nhar it-3 ta' Frar 1964 meta Charles Zammit Endrich fieq f'daqqa minn distakk tar-retina wara li qiegħed taħt rasu relikwja ta' Dun Ġorġ. Huwa ġie bbeatifikat mill-Papa Ġwanni Pawlu II fuq il-Fosos tal-Furjana nhar l-Erbgħa 8 ta' Mejju 2001.
- ❖ Wara l-fejqan mirakoluż ta' tarbija (Eric Catania) ftit wara l-beatifikazzjoni, Dun Ġorg ġie ddikjarat qaddis f'Ruma nhar il-festa tat-Trinità Qaddisa, il-Ħadd 3 ta' Ġunju 2007.
- ❖ Nhar it-8 ta' Novembru 2008 ġiet inawgurata l-ewwel parroċċa f'Malta ddedikata lil dan l-ewwel qaddis Malti fiż-żona magħrufa bħala s-Swatar.

**Riflessjoni:**

- ➢ Inti ħlaqtna għalik u ħlaqtna biex ngħixu għalik dejjem, u li ma mmutu qatt jekk aħna nħarsu l-ġustizzja tiegħek.
- ➢ Satana, qattiel sa mill-bidu, mimli għira għalina bnedmin, bil-qerq tiegħu daħħal fid-dinja d-dnub u l-mewt,
- ➢ U inti għal din id-diżgrazzja li ġiet fuqna mid-dnub oriġinali ftaħt it-teżori tal-ħniena tiegħek.
- ➢ O Alla inkomprensibbli fil-ġudizzji tiegħek u f'kollox, inti tassew tobgħod id-dnub, iżda tippermettih, għalkemm ma tridu qatt.

San Ġorġ Preca

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 160, silta mit-3 punt**

*In your work you ought to unite zeal for the good of the Church with zeal for the good of the nation of which your disciples are beginning to be and one day ought to be perfect members. You will procure the good of the Church by making them true Christians, docile to the truths of faith and to the maxims of the holy Gospel. You will procure the good of the nation by teaching them how to read and write and everything else that pertains to your ministry with regard to exterior things. But piety must be joined to exterior things; otherwise, your work would be of little use.*

**TALBA**



*Sinjur Alla, agħtini l-paci tiegħek:*
*iż-żmien l-imgħoddi nħares lejh*
*u nsewwed qalbi għan-nuqqasijiet*
*ta' attenzjoni fuq il-ligi tiegħek.*
*Iżda jien naf li int il-Missier tagħna*
*u li aħna wliedek, kreaturi ta' jdejk,*
*u b'hekk jiena nistrieħ fik*
*meta nerħi ruħi fl-idejn tiegħek.*
*Ammen.*

San Ġorġ Preca

**Missierna ...**

## Il-Ġimgħa, 10 ta' Mejju

San Antoninu Pierozzi ta' Firenze - isqof

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. L-Atti 18, 9-18 | Poplu kbir hemm għalija f'din il-belt. |
| 2. Ps 46 (47), 2-3, 4-5, 6-7 | Alla s-sultan tal-art kollha. |
| 3. E Ġw. 16, 20-23a | Il-ferħ tagħkom ħadd ma jeħodulkom. |

**SAN ANTONINU** (1389 - 1459)

- San Antoninu, arċisqof ta' Firenze, dumnikan, bin Niccolo u Tomassina Pierozzi, twieled Firenze.
- Missieru kien nutar tar-Repubblika ta' Firenze, uffiċju għoli.
- Minn ċkunitu kien id-delizzju tiegħu jaqra l-ħajja tal-qaddisin, jitkellem ma' persuni għaqlin, jistudja, jew jitlob fil-Knisja ta' San Mikiel quddiem kurċifiss jew fil-kappella tal-Madonna.
- Ta' ħmistax-il sena talab lill-beatu Dominik, li kien Firenze biex jibni kunvent fi Fiesole, żewġ mili bogħod, biex jissieħeb fl-ordni.
- Dan ħaseb li kien għadu żgħir wisq, u qallu biex jaqbad jistudja d-Dritt Kanoniku u meta jkun jaf sewwa d-'Decretalia' (Digrieti) ta' Grazjanu – opra kolossali u ta' tħabbil il-moħħ – jaċċettah.
- Antoninu ħadha bis-serjetà u bit-talb u l-istudju f'inqas minn sena deher quddiem patri Dumink u hekk għaġġbu bl-għerf tiegħu, li kellu jaċċettah ta' sittax-il sena.
- Fis-sena 1414, inħatar pirjol ta' Foligna u wara ta' Cortona, Ruma, Napoli Firenze u Fiesole, u wara waqqaf il-kunvent ta' San Mark – Firenze, u bena l-magħrufa knisja ta' San Mark.
- Ġie kkonsagrat isqof fl-1446.

- Ta ruħu u ġismu biex iżur il-parroċċi u l-kunventi, biex ineħħi l-abbużi, biex isaħħaħ id-dixxiplina, biex jipprietka l-vanġelu, biex itejjeb il-qagħda tal-fqar, u biex jikteb kotba reliġjużi għall-kleru u għas-sekulari.
- Kien dejjem l-ewwel fil-qadi tal-morda, eżempju għall-kleru, sew sekulari u anke regulari, hekk li bosta minnhom ħallew ħajjithom f'din l-opra ta' ħniena.
- Wara l-pesta u l-ġuħ, l-eżempju tal-arċisqof qanqal bosta nobbli biex huma wkoll jagħtu kważi kull ma kellhom.
- Għalhekk kien jgħożż l-akbar sempliċità fl-ilbies, fl-ikel u fl-għamara. Kien magħruf għall-prudenza fil-pariri li kien jagħti, li kienu jsejħulu Antoninu tal-pariri.
- Ta' kuljum kien iqim lill-Madonna bir-reċità tal-Uffizzju tagħha flimkien mal-uffizzju tal-ġurnata.
- Miet fit-2 ta' Mejju, 1459.

**Riflessjoni:**

Il-ħajja kollha tagħna hija magħmula min-niket u l-ferħ. Ġesù għaraf dan waqt l-aħħar ċena li hu għamel mad-dixxipli tiegħu fejn ħabbar li d-dixxipli kellhom jgħaddu minn żmien ta' niket li wara jinbidel f'ferħ kbir. Ix-xebh li ta tal-mara tqila li waqt il-ħlas tkun muġugħa, imma timtela bil-ferħ meta tkun weldet lil binha, kien ġie applikat għaż-żmien messjaniku fit-testment il-qadim. Dan jidher fil-kitba ta' Isaija 66; vers 8 u 10 *"Iva Sijon, malli ħasset uġigħ il-ħlas, wildet lil uliedha ... Ifirħu lil Ġerusalemm, thennew bih, intom lkoll ħbieb tagħha! Aqbżu bil-ferħ, intom ilkoll li qsamtu swied il-qalb magħha."* L-uġigħ tal-ħlas jirreferi għas-siegħa tal-prova tal-fidili fl-aħħar jiem.

'Life out of death' ta' Harold A. Buetow

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Ittra lil Brother Barthelemy**

*I seriously think that since I have given but little time to prayer for so long, it is right that I should now spend more time in prayer to learn what God wishes of me.*
*To my mind, what I must ask of God in prayer is that he tell me what he wants me to do and that he inspire me with the dispositions he wants me to have.*

*"... tkun magħmula ir-rieda tiegħek u mhux tiegħi!"* (Luqa 22: 42)

**TALBA**



*O Alla, kollok imħabba,*
*ibagħt l-Ispirtu tiegħek*
*biex jien ukoll nista' ngħid, nemmen u nwieġeb*
*għal dawk il-kelmiet*
*ta' San Ġwann Battista De La Salle*
*fl-aħħar mumenti ta' ħajtu:*
*"Jiena nadura l-għemejjel ta' Alla*
*fil-ħwejjeġ kollha li jibgħatli".*
*Ammen.*

Carl Koch

**Missierna ...**

**Is-Sibt, 11 ta' Mejju**

San Odone, San Majolo, San Odilone,
Beatu Pietru l-Venerabbli - abbatijiet ta' Cluny
San Injazju minn Laconi - reliġjuż
San Franġisk ta' Ġirolamo - saċerdot

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 18: 23-28 | Apollu kien jurihom mill-Iskrittura li Ġesù hu l-Messija. |
| 2. Salm 46 : 2,3,8-10 | Alla s-sultan tal-art kollha. |
| 3. Ġwanni 16: 23-28 | Il-Missier iħobbkom, billi intom ħabbejtu lili u emmintu. |

**SAN FRANĠISK TA' ĠIROLAMO -** saċerdot (1642-1716)

- Twieled f'Taranto fl-Italja, fl-1642. Daħal fl-istat klerikali f'pajjiżu ta' 16-il sena u mbagħad mar Napli biex ikompli l-istudji tiegħu għas-saċerdozju. Wara li ordna qassis, hu għallem fil-kulleġġ tan-nobbli mmexxi mill-Ġiżwiti, f'Napli u kien maħbub ħafna mill-istudenti tiegħu. Daħal mal-Ġiżwiti erba' snin wara, u għadda l-aħħar 40 sena ta' ħajtu bħala missjunarju li ħadem kemm felaħ fil-Kumpanija barra minn Napli.
- San Franġisk kien predikatur qawwi, kliemu jsaħħar lis-semmiegħa. Jingħad fuqu li "*kien ħaruf meta tkellmu, imma ljun meta jipprietka*. " Hu mexxa mill-inqas mal-100 missjoni fil-provinċji ċentrali imma n-nies ta' Napli ma kinux iħalluh jitbiegħed minnhom għal żmien twil.
- Kull fejn kien imur kien dejjem imdawwar bil-folol, attenti għal kull kelma li jgħid; u folol ukoll kienu jfittxuh fil-konfessjonarju. L-għadd tal-midinbin li reġa' dawwarhom lejn Alla ma jistax jingħadd – mill-inqas 400 midneb kbir magħruf jingħad li daru mill-ġdid lejn Alla bil-ħidma tiegħu.
- Franġisku kien ifittex lill-midinbin kullimkien: fl-irħula mferrxin, f'toroq imwarrbin, fl-irkejjen tat-triq ... Kien imur fil-ħabsijiet, fil-ħwienet tal-vizzju; kien imur ukoll ifittixhom fix-xwieni. Ikkonverta wkoll numru ta' priġunieri Mori u Torok.
- San Franġisk ta' Ġirolamo waqqaf ukoll organizzazzjoni ta' rġiel biex tgħin lill-Ġiżwiti fil-ħidmiet tagħhom; waqqaf fond ta' karità fejn il-fqar setgħu jisselfu b'aktar kumdità, u salva għadd kbir ta' tfal minn qagħdiet li fihom faċilment setgħu jitilgħu delinkwenti. Kellu l-fama tal-mirakli u minħabba f'hekk folol kbar ta' nies ħadu sehem fil-funeral tiegħu.
- Miet fil-11 ta' Mejju tal-1716, meta kellu 74 sena. Ġie kkanonizzat fl-1839.

**Riflessjoni:**

Kull ma nitolbu lill-missier tas-sema, f'isem Ġesù, jgħidilna s-Salvatur, hu jagħtihulna. It-talba tal-petizzjoni għandha żewġ aspetti: li nkunu konxji li l-misteru ta' Alla ma jistax ikun taħt il-kontroll tal-bniedem u l-għarfien li aħna għandna mill-esperjenza, li dak li nitolbu ħafna drabi ma jingħatalniex kif nixtiequ aħna: nitolbu għal ħaġa u nirċievu ħaġ'oħra. Għalhekk it-talba ta' petizzjoni li aħna nagħmlu, għandha tieħu l-forma ta' abbandun totali f'idejn il-ħniena t'Alla misterjuż, dak li mingħandu qed infittxu l-għajnuna. Id-dixxipli jafu x'għandhom jitolbu lill-Missier, u hu ma jirrifjutahom qatt. Huma kapaċi jagħarfu wkoll dak li Alla ma jridx.

*"Life out of death"* ta' Harold A. Buetow

**Meditazzjoni ta'San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 39, l-1 punt**

*... Jesus Christ teaches us what we ought to ask of God in our prayers. He does not ask for human and temporal favors for them, because he had not come into this world to procure such benefits for us. He knew that it was the Eternal Father who had given him his disciples, that they belonged to him, and that the Father had destined them to preach his Gospel and to work for the salvation of souls. He realized, therefore, that he must pray to his Father to give them only those things that might contribute to the end for which he had called them.*

*This is why in this prayer Jesus*

*Christ asked his Eternal Father for three things in particular: first, to keep them from sin, by the words, keep them from evil. This is what you must first of all ask of God until you have obtained it. You ought to have such a horror for anything that even comes close to being sinful that, as Saint Paul urges, you will keep away from anything having the shadow or the appearance of sin. Because you cannot procure this benefit, it is essential that you constantly ask God's help to obtain it.*



**TALBA**

*Mulej Ġesù,*
*fil-magħmudija tiegħek*
*is-smewwiet infetħu, waqt li nstema'*
*leħen il-missier*
*jipproklama li inti l-għaxqa tiegħu.*
*Mexxina lkoll*
*lejn il-preżenza tal-missier.*
*Ammen.*

'Doorway to Faith'

**Missierna ...**

**Il-Ħadd, 12 ta' Mejju**
Is-Seba' Ħadd tal-Għid
**Is-Solennità ta' Tlugħ il-Mulej fis-Sema**



*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 1:1-11 | Kien meħud 'il fuq waqt li huma kienu jħarsu lejh. |
| 2. Salm 46: 2,3,6-9 | Tela' l-Mulej b'għajjat ta' ferħ. |
| 3. Lhud 9: 24-28; 10:19-23 | Kristu daħal fis-sema stess. |
| 4. Luqa 24: 46-53 | Huwa u jberikom, kien meħud fis-sema. |

**Riflessjoni fuq il-Vanġelu:**

- Il-fatt li l-Knisja kellha l-bidu tagħha propju fl-abbandun u l-faqar iħawwadna: l-abbandun ta' Ġesu li minflok isaħħaħ ir-rebħa fuq il-ħażen li kisbilna bil-qawmien tiegħu mill-mewt; jitbiegħed lejn is-sema u jħalli lid-dixxipli mitlufin u mingħajr kenn f'dinja li kienet se tibqa teħodha kontrihom kif kienet tagħmel miegħu. Il-faqar hu dak tal-appostli, imwerwrein bit-traġedja li għadhom kif ġarrbu, imħawdin minħabba t-tradiment, u mistagħġbin bil-ġrajjiet li qatt ma setgħu jobsruhom. Lil dawn in-nies, f'din il-kundizzjoni ta' miżerja, Ġesu jafda l-missjoni enormi "Intom xhud ta' dan." Lq. 24:48. Kif jidhru l-affarijiet ma tantx nistgħu nifhmu għaliex l-appostli kienu daqshekk ferħanin, tant li marru jkantaw innijiet ta' tifħir lil Alla fit-Tempju! Għalkemm it-Tlugħ fis-Sema ta' Ġesu, bħal kull esperjenza ta' firda, ġġib magħha sinifikat qawwi.
- Iktar minn hekk: huwa fl-abbandun, fit-telfa, li jseħħ il-misteru tal-loġika divina "min jitlef ħajtu isibha". Is-salvazzjoni tal-bniedem tibda meta l-Iben t'Alla jħalli l-Glorja tas-sema biex aħna nkunu nistgħu nakkwistawha, Alla jitlef lil Ibnu fuq is-salib biex jieħu lilna bħala uliedu, u tilħaq il-milja tagħha fl-abbandun ta-salib fejn Bin il-Bniedem, jitlef ħajtu biex aħna jkollna l-ħajja eterna; tkompli bl-istedina li għall-imħabba tiegħu ingawduha għal dejjem.
- Għalhekk fl-aħħar ta' ħajtu bħala bniedem Ġesu wkoll jintilef mid-dixxipli, dawn meta jaċċettaw li mhux se jkun magħhom iżjed bħala bniedem u li issa qiegħed għand il-Missier, jirċevuh bħala rigal għax Alla li "tant ħabb lid-dinja li ried jagħti lill-Iben il-waħdieni tiegħu"; jibqa' jagħtihulna sal-aħħar taż-żmien. Iżjed minn hekk il-Mulej iħalli lid-dixxipli biex nifhmu kif il-ħajja tagħna mhix marbuta miegħu biss imma ma dik ta' ħutna l-bnedmin tant li ma nistgħux insalvaw lilna nfusna jekk mhux permezz tal-oħrajn.
- It-Tlugħ fis-Sema ta' Ġesu iwelled avventura li l-komunita nisranija trid terġa' tgħix jekk ma tibżgħax tħalli warajha dak li jtellifha milli tilqa' l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu; il-kalkoli umani, il-biża' mill-futur, il-poter eċċ.
- Biex dan iseħħ jeħtieġ li l-knisja ma tinsiex il-faqar tal-bidu tagħha, kollox beda minn dak il-grupp żgħir ta' appostli ta' ras u qalb iebsa, iżda li l-Mulej kelllu biss

kliem ta' nkoraġġament għalihom u fuq kollox fdahom b'dik il-biċċa xogħol; "Intom xhud ta' dan" u tahom id-don tal-Ispirtu.

- Imsaħħin bil-wegħda ta' Ġesù l-appostli erħewlha lejn il-Palestina fejn kien tiġa terraq l-Imgħallem tagħhom jxandru u jqassmu ir-rikkezzi kbar tal-grazzja divina. Fuq kollox, kif kien jgħid Dun Primo Mazzolari "il-karità vera qatt ma' tinbed waqt il-ġid imma waqt il-faqar". Knisja tant fqira taċċetta li titlef kollox għall-imħabba lejn l-Imgħallem tagħha Ġesù, u lejn l-aħwa. Tant ġeneruża li tagħti kollox għax taf li dak li għandha mhux ġej minnha. Hekk trid tkun il-knisja ta' llum biex tagħti l-ferħ ta' Kristu Rxoxt lill-bnedmin ta' żmienna, li tant għandhom bżonnu għax m'humiex lesti jħallu xejn warajhom u m'għadhomx jagħrfu u jħobbu ix-xejn tagħhom biex b'hekk jixxenqu għas-salvazzjoni divina.

*Minn ; La Realta e' Cristo, Don Davide Rota*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 40, l-1 punt**

*Jesus Christ, having come to this earth only to give us a new law and to accomplish the mysteries of our redemption and having entirely fulfilled everything relating to the duties of his ministry as Legislator and Redeemer, had nothing left to keep him in this world. He seemed to be in a sort of constrained condition, for the center of his glorious body was in heaven, and his proper place was at the right hand of his Father. But the dealings he was still obliged to have on earth made it necessary for him to veil the radiance of his glory in his apparitions to his disciples.*

*You, who have left the world, ought to be entirely freed from all human inclinations that tend only earthward. You ought to aspire only toward heaven and to lift your mind and heart heavenward, because you are destined only for heaven and to work only for heaven and because you will not find perfect rest until you are in heaven.*



**TALBA**

*O Mulej Alla tagħna,*
*inti rrivelajtilna li ibnek,*
*is-salvatur tal-bnedmin kollha,*
*jinsab fil-glorja, bilqiegħda fuq il-lemin tiegħek.*
*Agħtina l-grazzja biex nemmnu*
*li hu ser jibqa' magħna sal-aħħar taż-żminijiet,*
*kif kien wegħedna,*
*biex b'hekk ngħixu fl-għaqda u l-paċi.*
*Dan nitolbuh f'ismu, hu li jgħix u jsaltan,*
*flimkien miegħek u mal-Ispirtu s-Santu,*
*Alla wieħed, għal dejjem ta' dejjem,*
*Ammen.*

Magnificat

**Missierna ...**

**It-Tnejn,13 ta’ Mejju**
Il-Verġni Mqaddsa Marija ta’ Fatima
San Filep ta’ Aġġira – presbiteru
Santa Marija Duminka Mazzarello – verġni
Beata Imelda Lambertini – verġni
San Pietru Regalado - presbiteru
San Andrija Hubert Fournet – fundatur

*“Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen.”*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 19: 1-8 | Ħadtu intom l-Ispirtu s-Santu meta emmintu? |
| 2. Salm 67: 2-5aċ,6,7ab | Slaten tal-art, għannu lil Alla. |
| 3. Ġwanni 16: 29-33 | Agħmlu l-qalb: jiena rbaħt id-dinja! |

**IL-VERĠNI MBIERKA MARIJA TAR-RUŻARJU, TA’ FATIMA** (1917)

- Fatima hu raħal żgħir fil-Portugall fejn il-Madonna dehret diversi drabi fit-13 ta’ kull xahar bejn Mejju u Ottubru 1917. Dawk li rawha kienu tlett itfal, Luċija dos Santos (ta’ 9 snin), u ż-żewġ kuġini tagħha, Franġisk (ta’ 8 snin) u oħtu Ġaċinta Marto (ta’ 6 snin).
- Wara l-mewt taż-żewġ aħwa, Luċija qalet li kellhom ukoll dehra ta’ anġlu s-sena ta’ qabel f’forma ta’ tfajjel tal-paċi li għallimhom kif jitolbu. Din id-dehra ġrat tliet darbiet, l-ewwel u l-aħħar darba f’Loca do Cabeco fejn it-tfal kienu qed jirgħaw in-nagħaġ u t-tieni darba fil-ġnien ta’ Luċija.
- Il-post tad-dehriet tal-1917 seħħew mil u nofs bogħod minn Loco do Cabeco, f’Cova da Iria, fejn it-tfal kienu wkoll jirgħaw in-nagħaġ. Kienu qed jgħidu r-ružarju f’nofsinhar meta dehritilhom il-Madonna taħt is-sura ta’ xebba żagħżugħa, ta’ xi 15-il sena, fuq siġra qrib. Kienet liebsa velu abjad u f’idejha kellha l-kuruna tar-ružarju. Fit-tieni okkażjoni, it-tfal kienu akkompanjati minn numru ta’ nies mir-raħal. F’din l-okkażjoni tad-dehra, il-Madonna tkellmet fuq il-ħtieġa li jingħad ir-ružarju. In-nies tar-raħal ma rawx id-dehra, imma qalu li raw xi dawl jiġri fis-sema.
- Sa Lulju, l-għadd tan-nies li akkompanjaw lit-tfal tela’ għal 6,000. Għal darb’oħra reġgħu ma raw xejn partikulari, għalkemm il-mara tad-dehra (li kienet għadha ma qalitx min kienet), wegħdet li kienet se tagħmel miraklu biex tgħarraf il-preżenza tagħha. Hi għallmet lit-tfal anki talba biex jibdew jgħiduha.
- Ftit qabel id-dehra li kellha ssir fit-13 ta’ Awwissu, is-sottoprefett anti-Kattoliku tad-distrett tefa’ t-tfal fil-ħabs biex ma jkunux jistgħu jżuru l-Cova da Iria fil-jum li kellha tidher. B’danakollu, 18,000 ruħ marru fuq il-post.
- Id-dehra seħħet sitt ijiem wara u wegħdet li kellu jsir miraklu fit-13 t’Ottubru. It-tlett itfal kellhom dehra oħra fit-13 ta’ Settembru – in-nies telgħu għal 30 elf ruħ; imma xahar wara, fit-13 t’Ottubru, l-għadd ta’ dawk preżenti kien ikkalkulat bejn

is-70 u l-100 elf ruħ – bosta minnhom stqarrew li raw ix-xemx iddur ħafna fuqha nnfisha fis-sema fi sħab tax-xita.

- Francesco u Ġjaċinta mietu ftit wara d-dehriet. Luċija ta’ 15-il sena daħlet soru Karmelitana, u fl-1946 ingħaqdet mal-Ordni Karmelitan iktar strett. Hi tgħid li l-Madonna talbitha xxerred id-devozzjoni tat-tqarbina tal-ewwel Sibt tax-xahar.
- Id-devozzjoni lejn il-Madonna ta’ Fatima kienet approvata fl-1930, għalkemm il-pellegrinaġġi baqgħu sejrin bla ma jaqtgħu sa mill-1917, minkejja t-tfixkil uffiċjali tal-gvern ta’ żmien id-dehriet.

**Riflessjoni:**
Tgħallmu mill-Verġni Marija, l-ewwel persuna li kkotemplat l-umanità tal-Verb Inkarnat, l-umanità tal-għerf divin. F’Ġesù tarbija, li miegħu kellha żmien infinit ta’ konverżazzjonijiet siekta, għarfet dak il-wiċċ ta’ Alla magħmul bniedem, biex dak l-għerf misterjuz tal-iben kien stampat fil-moħħ u fil-qalb ta’ dik l-omm. B’hekk Marija saret “is-sede tal-għerf”.

Diskors lill-għalliema u l-istudenti tal-Universitajiet Rumani
mill-Papa Benedittu XVI, 2006

**Meditazzjoni ta’ San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 40, silta mit-2 punt**
*With all the saints, adore this sacred humanity, to whom all power has been given in heaven and on earth. Unite with all the saints to acknowledge and to honor this humanity as it deserves. Look upon the humanity of Jesus as being the One in whom, as Saint Paul says, are all the treasures of God’s wisdom and knowledge.*
*From his humanity our Savior draws, as from their source, all the graces that he pours out on those who by their good works and by their prayers make themselves worthy to share in them. When will you be able to say, with Saint Stephen, that you see the heavens open and Jesus Christ, who is there and is ready to share his graces with you? Beg of him especially for the grace to be no longer preoccupied with anything except the things of heaven.*



**TALBA**
*Mulej Alla,*
*agħtina l-qawwa u l-għerf,*
*biex nassiguraw li uliedna mgħammda*
*ma jkunux mċaħħda mit-tagħlim tal-katekeżi*
*li għandhom bżonn*
*biex jibqgħu dejjem fil-grazzja tal-magħmudija.*
*Ammen.*
‘Doorway to Faith’

**Missierna ...**

**It-Tlieta, 14 ta' Mejju**
San Mattija - appostlu

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 1: 15-17,20-26 | Ix-xorti waqgħet fuq Mattija, u dan ħa postu mal-ħdax. |
| 2. Salm 112: 1-8 | Il-Mulej qiegħdu mal-kbarat tal-poplu tiegħu. |
| 3. Ġwanni 15: 9-17 | Ma nsejħilkomx aktar qaddejja; sejjaħtilkom ħbieb. |

**SAN MATTIJA -** appostlu (l-1 seklu)

- Mattija jfisser "għotja (rigal) ta' Alla", u aktarx kien mill-Galilija.
- Fl-Atti tal-Appostli nsibu l-għażla ta' Mattija li saret mill-knisja ta' Ġerusalemm wara tlugħ il-Mulej fis-sema. Pietru qam fost il-ġemgħa tal-aħwa u qal: "… *Jeħtieġ għalhekk li jingħażel wieħed minn dawk li ssieħbu magħna biex ikun flimkien magħna xhud tal-qawmien tiegħu mill-imwiet. "* Imbagħad resqu tnejn, Ġużeppi msejjaħ Barsaba, li jgħidulu wkoll Ġustu, u Mattija. U talbu hekk: "*Mulej, int li tagħraf il-qalb ta' kulħadd, uri liema minn dawn it-tnejn int għażilt biex jieħu l-post ta' dan il-ministeru u l-appostolat li minnu telaq Ġuda biex imur fejn kien jistħoqqlu*. " Imbagħad tefgħu x-xorti, li waqgħet fuq Mattija, u dan ħa postu mal-ħdax-il appostlu l-ieħor (Atti 1, 15, 21-6).
- Hawn l-awtur tal-Atti tal-Appostli jgħidilna li Mattija kien preżenti għall-ħajja pubblika ta' Ġesù Kristu mill-magħmudija minn San Ġwann l-Għammied sa tlugħ is-sema tal-Imgħallem divin. San Klement ta' Lixandra jgħid li Mattija kien wieħed mit-72 dixxiplu ta' Kristu. Dan hu kkonfermat minn Ewsebju (1,12) u minn San Ġlormu.
- It-tradizzjoni tal-Griegi tgħidilna li San Mattija ħawwel il-fidi f'Kappadoċja u madwar il-Baħar Kaspju, l-iktar qrib il-port Iussuż. Aktarx bata ħafna tbatijiet fost dan il-poplu krudili. L-istess awturi jżidu jgħidu li rċieva l-kuruna tal-martirju f'Kalċis, li huma jsejħu l-Etjopja.
- Skont tradizzjoni oħra, San Mattija pprietka l-Evanġelju fil-Lhudija u fl-Etjopja fejn kien maqtul imsallab; tradizzjoni oħra tgħid li qatgħulu rasu f'Ġerusalemm.
- Hu patrun tal-ħajjata, tal-mastrudaxxi u ta' dawk li qatgħu l-vizzju tax-xorb; hu msejjaħ kontra l-mard tal-ħożba.
- Il-Latini kienu jżommu l-festa tiegħu fl-24 ta' Frar, iżda fir-Riforma tal-Kalendarju Liturġiku (1969) bdiet issir fl-14 ta' Mejju biex ikun qrib il-festa tal-Axxensjoni ta' Kristu u l-Pentekoste.
- Xi fdalijiet tiegħu jintwerew fil-knisja abbatika ta' Triers u f'Santa Marija Maggiore, Ruma. Hemm min jgħid li dawn f'tal-aħħar, huma ta' Mattija ieħor.
- Jinsab "Vanġelu skont San Mattija," iżda dan hu vanġelu apokrifu.

**Riflessjoni:**
Il-vanġelu ta' San. Ġwann jiddedika l-aħħar erba' kapitli mill-wieħed u għoxrin, għall-aħħar diskors ta' Ġesù. Bħal kull diskors tal-aħħar jirrifletti l-ħajja u l-personalità ta' min qiegħed jgħidhom. Id-diskors tal-aħħar ta' Ġesù huwa mfassal fuq dak tal-mexxej kbir Lhudi, Mosè. L-aħħar diskors ta' Mosè ta attenzjoni speċjali fuq l-importanza tal-kmandamenti. Hekk ukoll fl-aħħar kelmiet ta' Ġesù, hu rrefera għall-kmandament ġdid tiegħu: l-IMĦABBA. Il-qari tal-lum jurina x'għandna nagħmlu biex nibqgħu ħajjin, nikbru u nagħtu ħafna frott; jiġifieri biex nibqgħu fl-imħabba ta' Ġesù.
Aħna nħobbu dak kollu li hu tajjeb; it-tjieba ġejja mill-imħabba ta' Alla. L-akbar u l-isbaħ imħabba fid-dinja, u dik l-aktar sinċiera, hija l-imħabba ta' Alla. Hekk kif in-nies jilbsu nuċċali tax-xemx skur biex jaddattaw ruħhom għall-qawwa tax-xemx, tant ieħor nagħmlu biex inħarsu lejn l-imħabba ta' Alla. Il-bniedem huwa msejjaħ biex jimita l-imħabba ta' Alla. *"Life out of death"*, ta' Harold A. Buetow

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 107, silta mil-1 punt**
*After the Ascension of Jesus Christ into heaven, the Apostles assembled in a house to pray and to prepare themselves to receive the Holy Spirit. At Saint Peter's request, they chose Saint Matthias to take Judas' place. This holy disciple was admitted among the number of the Apostles only after a common prayer was recited publicly by Saint Peter in the name of all the Apostles and disciples, who were praying together in the same place.*
*This shows us that in all we do for the glory of God and the salvation of souls, we ought to undertake nothing without praying to ask God for the light and the grace we need to succeed in whatever we undertake for him in this holy ministry, which can succeed only insofar as we are aided by his help and directed by his Holy Spirit.*



**TALBA**

*O Mulej,*
*ferra' fuq il-Knisja tiegħek*
*id-don tal-Ispirtu s-Santu,*
*biex l-imħabba għal xulxin*
*u għall-kelma tiegħek,*
*tqabbad nar iħeġġeġ fid-dinja kollha,*
*hekk kif l-Appostli qabbdu n-nar*
*fid-dinja ta' żmienhom,*
*bi Kristu sidna, Ammen.*
Magnificat

**Missierna ...**

**L-Erbgħa, 15 ta' Mejju**
**San Ġwann Battista de la Salle,**
presbiteru, fundatur tal-aħwa tal-iskejjel insara u patrun tal-għalliema
Il-Madonna tas-Sokkors Perpetwu
San Pakomju - abbati



*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 20: 28-38 | Nitlaqkom f'idejn Alla u l-kelma tal-grazzja tiegħu li għandha l-qawwa li tibnikom. |
| 2. Salm 67 : 29,30,33-35ab,36ċ | Slaten tal-art, għannu lil Alla. |
| 3. Ġwanni 17: 11b-19 | Ħa jkunu ħaġa waħda bħalna. |

**TALBA għal dan il-jum speċjali għall-Istitut Lasalljan**



*O Alla tal-ħniena,*
*agħmel li kull meta nitlob*
*ikolli fiduċja għamja*
*li inti se tagħti widen għall-karba tiegħi*
*u tagħtini dak li għandi bżonn*
*sabiex inkun segwaċi aktar fidil ta' ibnek,*
*Ammen.*

**Riflessjoni: Jgħidilna San Ġwann Battista De La Salle:**
Oqogħdu fuq dak li jgħidilna San Pawl, inti tiżra' u ssaqqi ż-żerriegħa, iżda huwa Alla, permezz ta' Ġesù Kristu li jkabbarha. Huwa hu l-qofol tax-xogħol li inti tagħmel. Għalhekk kull meta tiltaqa' ma' xi diffikultà fit-tmexxija tad-dixxipli tiegħek, meta tara li xi wħud mhuma jieħdu xejn mit-tagħlim tiegħek, u tinnota ċertu traskuraġni u indifferenza min-naħa tagħhom, dur lejn Alla bil-kunfidenza. Itlob lil Ġesù bil-qalb, sabiex jħeġġek bl-ispirtu tiegħu, għaliex kien hu li għażlek biex taħdem fl-għalqa tiegħu.
Ġib quddiem għajnejk lil Ġesù Kristu, r-Ragħaj it-Tajjeb tal-Vanġelu, ifittex in-nagħġa l-mitlufa, jerfagħha fuq spallejh u jġibha lura mal-merħla. Billi inti qiegħed tieħu postu, ikkunsidra li inti fl-obbligu li tagħmel l-istess. Itolbu l-grazzja meħtieġa għall-konverżjoni ta' dawn il-qlub afdati f'idejk.
Għalhekk, hemm bżonn, li inti tiddedika ruħek għal talb profond, sabiex jirnexxielek twettaq il-ministeru tiegħek b'suċċess. Jeħtieġlek, li kontinwament tressaq il-bżonnijiet tad-dixxipli tiegħek lil Ġesù, turih id-diffikultajiet li inti qed tgħaddi minnhom biex tiggwidahom. Ġesù Kristu, meta jara li inti qed tqisu bħala dak li jista' jagħmel kollox, u tqis lilek bħala strument f'idejh, mhux se jonqos milli jagħtik dak li inti tlabtu.

**Xi ħsibijiet oħra dwar it-talb kif kien jaħseb San Ġwann Battista De La Salle:**

- De La Salle kien dejjem jgħaqqad it-talb max-xogħol. Hu kien jgħid li l-għan tat-talb mhux qiegħed biex ifittex *"il-mistrieħ imma d-dawl biex tagħraf id-difetti, il-vizzji u l-passjonijiet, u l-grazzja biex tikkoreġihom".* It-talb jgħinna biex nirregolaw il-ħajja tagħna biex issir tixbah lil dik ta' Ġesù.
- It-talb m'għandux ikun mezz biex wieħed jaħrab mir-realtà. Imma l-kalma li tinħass waqt il-meditazzjoni ġġegħelna niftħu qalbna u moħħna biex naraw sew lilna nfusna: it-tajjeb tagħna u dnubietna, id-dgħufija u s-saħħa tagħna.
- It-talb għandu jkun bħal konverżazzjoni ma' Alla fuq dak kollu li jkun għadda wieħed minnu matul il-jum... Kull suġġett huwa tajjeb għad-diskussjoni ma' Alla u Alla ħanin jkun dejjem lest biex jgħin.

Carl Koch



**Talba għall-Vokazzjonijiet**

*O Alla, int għażilt lil*
*San Ġwann Battista De La Salle*
*biex jagħti edukazzjoni nisranija*
*lit-tfal u liż-żgħażagħ;*
*qajjem fil-knisja tiegħek*
*Brothers u għalliema, nisa u rġiel*
*li jingħataw b'qalbhom kollha biex*
*jedukaw lit-tfal u liż-żgħażagħ,*
*sew bħala bnedmin u sew bħala nsara.*
*B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna,*
*li hu Alla u miegħek jgħix u jsaltan*
*flimkien mal-Ispirtu s-Santu,*
*għal dejjem ta' dejjem,*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**Il-Ħamis, 16 ta' Mejju**

San Alipju u San Possidju - isqfijiet
Santa Margerita minn Cortona - penitenta
San Andrija Bobola - presbiteru u martri
San Xmun Stock - reliġjuż
San Alwiġ Orione - presbiteru

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 22: 30; 23: 6-11 | Jeħtieġ li tagħti xhieda f'Ruma. |
| 2. Salm 15 :1,2a, 5,7-11 | Ħarisni, o Alla, għax fik jien nistkenn. |
| 3. Ġwanni 17: 20-26 | Biex isiru ħaġa waħda għal kollox. |

**SAN XMUN STOCK** († 1265)
Hu wieħed mill-qaddisin l-aktar magħrufin tal-ordni Karmelitan. Twieled f'Kent, l-Ingilterra. Kien maħtur pirjol ġenerali tal-ordni fl-1247 u t-tmexxija tiegħu kienet immarkata bi żvilupp notevoli: hu waqqaf djar Karmelitani fl-erbat ibliet universitarji ta' Oxford, Cambridge, Pariġi u Bolonja, u poġġa fil-prattika tibdil tar-Regola li bihom ir-reliġjużi tiegħu setgħu jgħixu bħala patrijiet mendikanti u mhux aktar bħala eremiti. Skont tradizzjoni Karmelitana, il-Madonna tagħtu wkoll il-Labtu fl-1251. Miet fl-1265, ta' madwar 100 sena. Il-fdal ta' San Xmun Stock jinsab fil-kunvent tal-Karmnu ta' Aylesford, f'Kent. L-isem Stock ġej mil-leġġenda li tgħid li hu f'żgħożitu għex f'zokk imħaffer ta' siġra.

**SAN ANDRIJA BOBOLA –** presbiteru u martri (1591-1657)

- Twieled f'Sandomir fil-Polonja minn familja aristokratika fl-1591. Ta' 21 sena daħal mal-Ġiżwiti ta' Vilnius fil-Litwanja.
- Wara li sar saċerdot, inħatar predikatur fil-knisja ta' San Każminu ta' Vilnius, u wara dan, sar superjur tad-dar tal-Ġiżwiti ta' Matiċi. Tant ikkonverta Ortodossi għall-Knisja Kattolika li kienu jsejħulu l-"*kaċċatur tal-erwieħ*". Imma dan is-suċċess ġibed fuqu l-mibegħda tal-għedewwa.
- Fit-tilwim li nqala' bejn il-Polonja Kattolika u r-Russja Ortodossa Xiżmatika, il-Ġiżwiti tkeċċew mill-knejjes, il-kunventi u l-kulleġġi tagħhom. Indri Bobola mar jgħix fil-belt ta' Pinsk, ġo dar li l-Prinċep Radziwell kien offra lill-Ġiżwiti.
- Imma f'Mejju, 1657, il-Każakki Russi Xiżmatiċi attakkaw Pinsk u Bobola waqa' f'idejhom f'Janow, qrib Pinsk. Rabtuh ma' żiemel maħrub, tawh bix-xabla, tawh terturi makabri u fl-aħħar qattgħuh bċejjeċ, u xeħtu ġismu f'munzell żibel. Kien is-16 ta' Mejju, 1657.
- Il-ġisem tiegħu ttieħed imbagħad ir-Russja fejn inżamm moħbi f'mużew ġewwa Moskow.
- Imma fl-1923, bit-tħabrik kbir tal-Papa Piju XI inġieb Ruma, mnejn wara l-kanonizzazzjoni tiegħu fl-1938, ħaduh Varsavja, fejn illum jinsab meqjum fil-knisja tal-Ġiżwiti ddedikata lilu.
- Il-Papa Piju XI kien ikkanonizzah (flimkien mal-fundatur Taljan, San Ġwann Leonardi u mal-ajk Franġiskan Osservant Spanjol, San Salvatur ta' Horta) nhar l-Għid il-Kbir, 17 t'April 1938, fl-aħħar kanonizzazzjoni tiegħu.

**Riflessjoni:**
Jekk fil-Knisja aħna ma jkollniex l-għaqda kif xtaq Alla, ma nistgħux inwettqu l-missjoni fiha: jiġifieri li '*d-dinja tibda' temmen'*. Aħna jeħtieġ inkunu ħaġa waħda bħalma Ġesù u l-Missier tas-sema huma ħaġa waħda. Ġesù tana l-glorja, li l-Missier ta lilu. Meta aħna l-insara nippreservaw dik l-għaqda m'Alla, fl-imħabba li Ġesù tana, aħna nkomplu nirrivelaw lil Ġesù, kemm bħala l-medjatur u kemm bħala dak li jurina min hu Alla. B'hekk aħna nuru lid-dinja li Ġesù kien mibgħut minn Alla.

*"Life out of death"* ta' Harold A. Buetow

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 195, it-3 punt**

*All your care for the children entrusted to you would be useless if Jesus Christ did not give the quality, the power, and the efficacy needed to make your care useful. Because the branch of the vine cannot bear fruit of itself (our Lord says) unless it remains attached to the main stem, neither can you bear fruit if you do not remain in me. This will be the glory of my Father that you bear much fruit and become my disciples.*

*What Jesus Christ says to his holy Apostles he also says to you, that you may understand that all the good you are able to do in your work for those entrusted to you will be true and effective only insofar as Jesus Christ gives it his blessing and you remain united with him. It is the same for you as it is for the branch of the vine, which can bear fruit only if it remains attached to the main stem and draws its sap and strength from the vine, which is also the source of all the goodness of the fruit.*

**TALBA**

*O Alla kollok ħniena,*
*inti timla l-Knisja tiegħek bl-Ispirtu s-Santu*
*biex aħna ngħixu ħajja tajba.*
*Agħtina ż-żelu*
*biex naqsmu d-don tal-fidi,*
*ma dawk kollha li jfittxuk,*
*b'Ġesù Kristu sidna.*
*Ammen*.

Magnificat

**Missierna ...**

**Il-Ġimgħa, 17 ta' Mejju**

San Baskal Baylon

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 25: 13b-21 | Kwistjonijiet dwar ċertu Ġesù, li hu mejjet, imma Pawlu jgħid li hu ħaj. |
| 2. Salm 102: 1,2,11,12,19-20ab | Il-Mulej waqqaf it-tron tiegħu fis-sema. |
| 3. Ġwanni 21: 15-19 | Irgħa l-ħrief tiegħi. Irgħa n-nagħaġ tiegħi. |

**SAN BASKAL BAYLON** (1540 – 1592)

- Semmewh Baskal bl-Ispanjol Pascual, għax twieled nhar l-Għid il-Ħamsin, fis-sena 1540, peress li fi Spanja mhux biss l-Għid il-Kbir imma wkoll l-Għid il-Ħamsin, jissejjaħ Pascua.

- ❖ Kien minn Torre Hermosa, iben Martin Baylon u Isabella Jubera, li kienu bdiewa foqra.
- ❖ Minn meta kellu 7 snin, sa ma għalaq l-24 sena, kien jirgħa n-nagħaġ.
- ❖ Imma fl-1564, ta' 24 sena, daħal ajk mal-Franġiskani Alkantarini u qatta' l-bqija ta' ħajtu - 28 sena sħaħ - f'diversi kunventi, l-iktar bħala purtinar.
- ❖ Dan il-qaddis, l-iktar li baqa' msemmi u magħruf huwa minħabba d-devozzjoni singulari li kellu lejn l-Ewkaristija.
- ❖ Imqar meta kien għadu jirgħa n-nagħaġ, minn ġol-għelieqi stess, kien iħares mill-bogħod lejn il-kampnar tal-knisja tar-raħal, u jitkellem ma' Ġesù Sagramentat.
- ❖ Ma kienx jaf ħafna skola, imma kellu l-għerf tas-sema – ix-xjenza infuża – u kien imfittex għall-pariri mqar mill-għorrief.
- ❖ Meta ntbagħat Franza għand il-Ġeneral tal-Franġiskani Osservanti Kristofru De Cheffontaines, ġie mħaġġar mill-Ugonotti Protestanti.
- ❖ Miet nhar l-Għid il-Ħamsin, is-17 ta' Mejju 1592, ta' 52 sena.
- ❖ Il-Papa Alessandru VIII ikkanonizzah fl-1690.
- ❖ Il-Papa Leone XIII, ħatru patrun tal-Għaqdiet Konfraterniti u Kungressi Ewkaristiċi, fl-1897.
- ❖ Huwa wkoll protettur speċjali tar-rgħajja.

**Riflessjoni:**
Filwaqt li Pawlu kien kapaċi jinqeda bis-sistemi tal-mument u b'hekk irnexxielu jmur Ruma, fejn għal sentejn seta' jkompli bil-missjoni tiegħu, il-ħajja tal-Ispirtu s-Santu f'Pietru kienet differenti. Hu ċaħad lil Ġesù tliet darbiet fil-mument tal-aħħar tbatijiet tiegħu, u fil-vanġelu tal-lum naraw kif Kristu Rxoxt talbu mħabbtu u ħafirlu. Ġesù beda billi saqsa lil Pietru tliet darbiet jekk kienx iħobbu – mistoqsija ewlenija fil-ħajja ta' kull nisrani. Madanakollu Pietru kien imdejjaq u mħawwad. Tgħid Ġesù kien qiegħed jalludi għad-dnub ta' meta Pietru ċaħdu tliet darbiet u jistaqsih: *"Issa inti fl-aħħar tħobbni?"* Jew kien qed jistaqsih: *"Inti tħobbni aktar mix-xbieki, mid-dgħajsa u xi qabda ħut?"* jew seta' kien qed isaqsih: *"Inti tħobbni aktar milli jħobbuni sħabek id-dixxipli?"*

*"Life out of death"* ta' Harold A. Buetow

**Dawn il-mistoqsijiet qiegħed jgħidhom lilna Ġesù stess illum. X'inhi r-risposta tagħna?**

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 41, it-2 punt**
*Jesus Christ foretold to his Apostles not only that they would be driven away and insulted by the Jews but also that those who would put them to death would think they were doing a great service to God. Although today those who belong to God and who work for his glory are not put to death, people do almost anything to rob*

*them of their honor by the most atrocious calumnies, treating them as though they were unworthy to live.*
*You ought to be glad to be treated this way, for you must be dead to the world and have no dealings with it. If you truly belong to God, you are the world's enemy, and the world is your enemy, because it is God's enemy. Therefore, behave toward it as such, and hold in horror all dealings with the world. Do not allow it to have the least opening to you, for fear that by dealing with it, you will share its spirit.*

**TALBA**



*Mulej Alla tiegħi, kollok verità*
*INT l-għerf tiegħi;*
*INT il-faraġ tiegħi;*
*INT it-tama tiegħi;*
*jiena ma nħossx sigurtà ħlief meta nkun f'dirgħajk.*
*la titlaqnix għal triqti u għal rasi,*
*iżda mexxini lejn is-sema mit-triq li togħġob lilek.*

Bro. Louis

**Missierna ...**

**Is-Sibt, 18 ta' Mejju**

San Ġwann I - Papa u martri
San Feliċ minn Cantalice - reliġjuż
Beatu Ġerardu Meccati ta' Villamagna - reliġuż
San Leonardu Murialdo - presbiteru
Beatu Guliermu minn Toulouse - presbiteru

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 28: 16-20,30-31 | Pawlu baqa' Ruma jxandrilhom is-saltna ta' Alla. |
| 2. Salm 10: 4,5 u 7 | Il-Mulej idawwar wiċċu lejn min hu sewwa. |
| 3. Ġwanni 21: 20-25 | Dan huwa d-dixxiplu li qiegħed jagħti xhieda għal dan kollu u li kiteb dawn il-ħwejjeġ, u aħna nafu li x-xhieda tiegħu hi minnha. |

**SAN LEONARDU MURIALDO –** presbiteru (1828 – 1900)

- Leaonardu Murialdo twieled f'Turin, l-Italja, fl-1828, it-tmien wild ta' familja sinjura. Tilef lil missieru meta kien għad kellu biss erba' snin. Irċieva edukazzjoni reliġjuża tajba ħafna fil-kulleġġ ta' Savona.

- Meta kien żagħżugħ għadda minn kriżi reliġjuża profonda, li kkonvertitu u għenitu jagħraf il-vokazzjoni saċerdotali tiegħu. F'Turin studja l-filosofija u t-teoloġija.
- F'dan l-istess perjodu beda jgħin fl-Oratorju tal-Anġli Kustodji li kien immexxi minn kuġinuh Dun Robertu Murialdo. Hawnhekk hu ġie f'kuntatt dirett mal-problemi taż-żgħażagħ ta' Turin, it-tfal tat-triq, il-ħabsin, il-lavranti u dawk li jnaddfu ċ-ċmieni.
- Fl-1851 ġie ordnat saċerdot u beda jaħdem b'ruħu u ġismu ma' Dun Cafasso u Don Bosco, Don Bosco talbu jibda' jmexxi l-Kulleġġ ta' San Alwiġi. Leonardu kien jemmen fis-sistema ta' prevenzjoni u f'kull tmexxija edukattiva li kellu minn dakinhar 'il quddiem dejjem applikaha.
- Fl-1866, aċċetta li jieħu f'idejh it-tmexxija tal-Kulleġġ Artigianelli ta' Turin. L-iskop ta' dan il-Kulleġġ kien li jiġbor is-subien abbandunati, li jgħixu fit-toroq u jagħtihom edukazzjoni reliġjuża u teknika.
- Hu għamel diversi vjaġġi madwar l-Italja kollha, Franza u l-Ingilterra, sabiex iżur istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tal-għajnuna soċjali, u jitgħallem kif għandu jindirizza u jtejjeb is-sistema edukattiva.
- Huwa kien wieħed minn dawk li inkuraġġixxew il-bidu ta' libreriji kattoliċi u kif ukoll l-unjin tal-Ħaddiema Kattoliċi, u kien l-assistent ekkleżjastiku tagħhom għal ħafna snin.
- Fl-1873, bil-għajnuna ta' xi wħud, waqqaf il-Kongregazzjoni ta' San Ġużepp (il-Ġużeppini ta' Murialdo). L-għan tagħhom kien l-edukazzjoni taż-żgħażagħ foqra u abbandunati. Huwa fetaħ oratorji, skejjel tas-snajja', djar għall-ħaddiema żgħażagħ, fosthom bdiewa, u anke għen żgħażagħ biex jitgħallmu s-sengħa tal-ipprintjar.
- Huwa kien bniedem spiritwali ħafna, ta' talb u kontemplazzjoni, fuq l-eżempju ta' Don Bosco.
- Fl-1884, Dun Leonardu kellu ħafna attakki ta' pnewmonja u baqa' sejjer lura. Don Bosco mar jagħtih il-barka tiegħu.
- Dun Leonardu Murialdo miet fl-1900.
- Fl-1963, il-Papa Pawlu VI, ibbeatifikah u l-istess Papa kkanonizzah fit-3 ta' Mejju 1970.

**Riflessjoni:**

L-evanġelisti jridu jgħidulna li Ġesù ġie mingħand Alla biex jgħallem; għamel il-mirakli, sofra l-passjoni, miet u qam fit-tielet jum u wara erbgħin jum tela' s-sema, biex jiftħilna l-bieb tas-salvazzjoni u jurina t-triq li għandna nimxu biex naslu għandu f'dar il-Missier.

Dan jurina li l-fidi nisranija hija mibnija fuq **Kristu Rxuxtat**, biex inkunu konvinti li hu Alla, li ġie biex isalvana u nagħarfu nimxu warajh skont il-Vanġelu tiegħu.

*"Ir-rebħa tiegħu ... ir-rebħa tagħna" miġbura minn Angelo Xuereb*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 42, it-3 punt**

*Nothing disposes us better to receive the Holy Spirit than prayer. This is why Jesus Christ assures us that our heavenly Father will give his Spirit, full of love and goodness for us, to all those who ask him. Yet, because he knows that the fullness of this divine Spirit is difficult to obtain and because he desires to give the Spirit to his Apostles, he promises them that he will pray to the Father for them, so that they will receive his Spirit in profusion. If you wish to be disposed as perfectly as God asks of you in order to be filled with the Spirit of God on Pentecost, apply yourself with attention and fervor to interior prayer in order to be filled with God's grace. For this is the day on which he generously pours out his graces; on this day he gave himself to the holy Apostles and to all those who then made up the Church. Do not fail to pray to him during all these holy days, and often repeat with the Church these holy words: Send forth your Spirit to give us a new life, and you will renew the face of the earth.*



**TALBA**

*O Alla, kollok ħniena u mogħdrija,*
*inti ssaħħaħ lid-dgħajjef*
*biex ixandar il-Vanġelu b'xhieda ta' fidi.*
*Bl-interċessjoni tal-Imqaddsa Verġni Marija,*
*saħħaħ il-poplu kollu tiegħek*
*bil-qawwa tal-Ispirtu,*
*biex jgħix dak li jxandar,*
*bl-istess Ġesù Kristu Sidna.*
*Ammen.*

Magnificat

**Missierna ...**



**Il-Ħadd, 19 ta' Mejju**
Is-Solennità tal-Għid il-Ħamsin



*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Atti 2: 1-11 | Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu. |
| 2. Salm 103 :1ab,24aċ,29bċ,31,34 | Ibgħat l-Ispirtu tiegħek, Mulej, u ġedded il-wiċċ tal-art. |
| 3. Rumani 8: 8-17 | Dawk kollha li jmexxihom l-Ispirtu ta' Alla huma wlied Alla. |
| 4. Ġwanni 14: 15,16,23b-26 | L-Ispirtu s-Santu jgħallimkom kollox. |

**Riflessjoni fuq il-Vanġelu:**

- M'għandniex nitqarrqu mit-ton intimu u kunfidenzjali tal-vanġelu ta' llum. Id-Difensur li jwiegħed Ġesù mhuwiex biss ir-rigal tal-Mulej lil dan il-grupp ta' nies imbeżżgħin biex iwettaqhom wara dik il-prova iebsa tas-salib imma ħafna iktar minn hekk. Fil-fatt il-liturġija ta' llum hija fuq l-istess perspettiva tal-istorja tat-torri ta' Babel. "U l-art kollha kienet ilsien wieħed u kliem wieħed… U qalu wieħed lill-ieħor: ..."Ejjew nibnu belt għalina u torri, bil-quċċata tiegħu tilħaq is-smewwiet, u nagħmlu isem għalina, ħalli ma nixterdux mal-wiċċ kollu tal-art."
- Id-don tal-Ispirtu s-Santu f'Pentekoste hu r-risposta t'Alla għall-proġetti tal-bnedmin li jippruvaw jinġabru f'entita waħda, it-twaqqif ta' belt-soċjeta idejali bit-torri jilħaq is-sema, bħala riferiment u simbolu. Babel hija l-ħolma li hemm f'qalb kull bniedem li l-bnedmin kollha jgħixu fil-paċi u l-ferħ universali. Fl-istorja dejjem kien hemm u għad ikun hawn nies li jaħlu l-enerġija tagħhom kollha għall-proġetti bħal dawn, jiġbdu warajhom folol kbar. Imma fil-fatt mhux biss il-Babel tal-Bibbja imma kull tentattiv ieħor ta' din ix-xorta hu destinat biex jintemm ħesrem: it-torri baqa' u jibqa' dejjem mhux lest; filwaqt li l-bnedmin jibqgħu jitferrxu fuq wiċċ l-art. Dan jiġri għaliex il-bennejja, mhedija bix-xogħol tal-bini, jinsew l-għan aħħari tal-proġett biex b'hekk il-ħolma ssir tal-biża' u l-idejal jinbidel f'delirju.
- Prova ta' dan huma l-proġetti kbar tal-idejoloġija li ddominaw id-dinja fis-seklu li għadda u ċappsuh bid-dmija tal-ġenoċidji, il-lager u l-gulag. Tnisslu biex jeħilsu 'l-bniedem u spiċċaw ftit ftit jinbidlu f'idejoloġija ta' poter assolut mill-istess nies li kienu hemm biex jaqdu lill-poplu. It-tentattivi ta' paċi moderni fejn pajjiżi jippruvaw jesportaw id-demokrazija fejn hi nieqsa u minflok spiss jagħmlu ħerba għax fil-fatt jesportaw biss il-gwerra u d-diżastri li ġġib magħha. Kif ukoll il-ħolma ta' dinja globalizzata kif inhi f'kollox minbarra fid-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Aħna wkoll fit-tħabrik tagħna biex nagħmlu għixien aħjar għalina u għal dawk li nħobbu, fit-taħbit li jkollna nitraskuraw lil dawk li huma l-għeżeż għalina flimkien mal-valuri u l-idejali.

- Madankollu Alla, fil-ħniena tiegħu japprezza dawn il-proġetti tagħna li minkejja li huma mifnija mill-kilba għall-poter u mill-preżunzjoni, jinbtu min nostalġija kbira għall-ferħ u minn xewqa għall-paċi. Lil dan id-daqsxejn ta' bniedem li sirna, bil-proġetti u x-xewqat tagħna kollha destinati li jfallu, il-Mulej jagħmel wegħda li ħadd ma jistenna: "u aħna niġu u ngħammru għandu." Ġw.14:23. L-Ispirtu s-Santu mibgħut mill-Missier fil-Babel ta' llum għandu d-dmir fundamentali li jfakkarna "u jfakkarkhom dak kollu li għidtilkom." Ġw 14:26 li 'l fuq minn kull idejal u proġett uman dak li jgħodd tassew hija r-relazzjoni magħna nfusna, mal-oħrajn u ma Alla; jiġifieri li ebda proġett jew programm m'huwa ikbar mill-persuna umana jew minn Alla li biex isalvaha ta ħajtu fuq salib. Il-presenza misterjuża tal-Paraklitu fostna għandha l-iskop li tistabbilixxi fil-qalba tal-istorja tagħna lil Ġesu Rxoxt bħala mudell tal-bniedem il-ġdid fejn is-salvazzjoni universali ma tibqax biss ħolma imma garanzija ċerta. "U jiena nitlob lill-Missier, u hu jagħtikom Difensur ieħor biex jibqa' dejjem magħkom." Ġw14:15
- Lilna, nies imsejkna li anqas għadna nafu mqar nixtiequ l-ġid tagħna nfusna, l-Ispirtu għalliem li għandu paċenzja infinita, "jgħallimna kollox" mill-ġdid biex nerġgħu niskopru mill-bidu sal-aħħar dak li jgħodd tassew, dak li hu tajjeb għalina u għal kulħadd.
- F'dan il-proġett divin, il-Knisja għandha dmir wieħed li tixhed b'ferħ u b'fiduċja sħiħa u b'ġenerożita bla tarf lil kull bniedem fid-dinja li d-destin aħħari tagħna mhuwiex il-falliment imma s-suċċess ta' kull tama tal-bniedem għaliex issa hija l-imħabba t'Alla li tfasslilna l-istorja.

*Minn, La Realta e' Cristo – Don Davide Rota*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 43, it-2 punt**

*The Acts of the Apostles tells us that this wind, the symbol of the Spirit of God, who poured himself out upon the disciples of Jesus Christ, filled the entire house. This illustrates what is said immediately afterward, that those who were gathered there were all filled with the Holy Spirit. At that moment the holy Apostles received such an abundance of grace that all Jerusalem was filled with the sound of their voices. They spoke about nothing except the risen Jesus Christ. They had the words of Holy Scripture constantly on their lips, and these words served to guide them in all they did. They had all fled after seeing Christ die on the cross; they had gone into hiding, afraid of death. But after receiving the Holy Spirit, they came together again and gathered in the same place; there they encouraged one another and urged one another to suffer for the name of Jesus Christ. In such suffering they considered themselves blessed, and they rejoiced.*

*You need the fullness of the Spirit of God in your state, for you ought to live and be guided entirely by the spirit and the light of faith; only the Spirit of God can give you this disposition*.



**TALBA lill-Ispirtu s-Santu**

*Ejja Spirtu Qaddis u mlieni bil-qawwa tal-preżenza tiegħek, l-istess kif nhar il-Għid il-Ħamsin inti kont imlejt lill-ewwel insara. Għinni nitbattal minn dak kollu li hemm ġewwa fija, mill-pjanijiet u l-proġetti kollha li nagħmel għalija nnifsi u għall-oħrajn għax b'hekk biss inkun nista' nilqa' aħjar il-kelma li se tagħtini. Dawwalli moħħi biex nifhem il-messaġġ li għandek għalija u kebbisli qalbi biex inwettqu f'ħajti u f'dik ta' ħuti. Dan għal akbar glorja tiegħek. Ammen.*

**Missierna ...**

**It-Tnejn, 20 ta' Mejju**

San Bernardinu ta' Siena - presbiteru

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Bin Sirak 1: 1-10 | L-għerf kien maħluq qabel kollox. |
| 2. Salm 92 :1abċ-2,5 | Il-Mulej isaltan, il-kobor libes. |
| 3. Mark 9: 14-29 | Jien nemmen. Għinni fil-fidi nieqsa tiegħi. |

**SAN BERNARDINU TA' SIENA** – presbiteru (1380-1444)

- Bernardinu twieled f'Massa Marittima, fil-provinċja ta' Siena, mill-familja ta' Albizeschi, familja nobbli, nhar it-8 ta' Settembru 1380.
- Ta' 22 sena, sewwa sew nhar it-8 ta' Settembru 1402, fil-Bażilka ta' San Franġisk tal-Minuri Konventwali ta' Siena, libes iċ-ċoqqa franġiskana.
- Imma ma damx ma ħaddan ir-riforma Osservanti, mibdija fil-1368 mill-Beatu Pauluccio Trinci ta' Foligno.
- Ukoll fit-8 ta' Settembru, did-darba tas-sena 1404, ġie ordnat saċerdot. Ma damx ma taha bis-serjetà għall-predikazzjoni, tista' tgħid mal-Italja kollha. Bernardinu ppriedka l-paċi, l-għaqda, l-imħabba, il-penitenza u xerred kemm felaħ id-devozzjoni lejn l-isem qaddis ta' Ġesù fl-Ewkaristija, lejn il-Madonna u lejn San Ġużepp.
- Ħadem ħafna għar-riforma tal-ordni. Kabbar b'mod tal-għaġeb ir-riforma Osservanti li sabha tħaddan biss 130 reliġjuż, il-biċċa l-kbira ajkijiet, u ħallieha b'4,000 imqassmin f'iktar minn 300 kunvent. Insista però li l-patrijiet Osservanti, li tagħhom kien l-ewwel Vigarju Ġenerali, jibqgħu taħt l-ubbidjenza tal-Ġeneral tal-Minuri Konventwali.

- ❖ Il-qaddis miet fl-età ta' 64 sena fil-kunvent tal-Minuri Konventwali tal-Aquila, nhar il-20 ta' Mejju tal-1444, lejliet it-Tlugħ fis-sema ta' Kristu, u ġie midfun fl-istess knisja tagħhom.
- ❖ Il-Papa Nikola V iddikjarah l-ewwel qaddis tal-Osservanti biss sitt snin wara mewtu, nhar l-Għid il-Ħamsin tas-Sena Mqaddsa. Fl-1957 il-Papa Piju XII ħatru padrun tal-predikaturi Taljani.

**Riflessjoni: Jgħidilna San Bernardinu:**
"L-isem ta' Ġesù huwa l-glorja tal-predikaturi, għaliex id-dija li tgħammex ta' ismu, iġġiegħel li l-kelma tiegħu tiġi mħabbra u mismgħuha".

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med.44, it-2 punt**
*The truths that the Holy Spirit teaches to those who receive him are the maxims found in the holy Gospel. He helps them to understand these maxims and to take them to heart, and he leads them to live and to act in accordance with them.*
*Only the Spirit of God can give us a correct understanding of these maxims of the Gospel and inspire us to put them into practice, because they are above the level of the human spirit. How, indeed, can we ever realize that blessed are the poor, that we must love those who hate us and rejoice when we are calumniated and when people say all sorts of evil against us, that we must return good for evil, and so many other truths entirely contrary to what nature suggests, unless the Spirit of God teaches them to us?*
*You are obliged to teach these holy maxims to the children you are appointed to instruct. You must be thoroughly convinced of them, so that you can impress them deeply on the hearts of your students. Be docile, therefore, to the Holy Spirit, who can in a short time procure for you a perfect understanding of these truths.*

**TALBA**



*Għażiż Ġesù, agħmel li jien*
*inkun nisrani u xhieda*
*tar-rabta tas-sema u l-art.*
*Agħmel li l-irkejjen mudlama*
*ta' qalbi, ta' ġismi jdubu bħall-inċira,*
*fil-kuntatt ma' dak in-nar tal-Ispirtu s-Santu,*
*ħalli neħles minn dan l-istat tqil u li jgħejjini*
*għal dik it-triq ta' ħajja*
*ħielsa u mimlija bl-arja tiegħek,*
*nasal f'dak l-istat fejn ġismi u ruħi jintrefgħu*
*fl-għoli sakemm niltaqa'*
*mal-persuna divina tiegħek.*
*B'hekk inkun nista' nasal bla xkiel biex nidħol*
*fl-intimità tat-Trinità.*

Bro. Louis

**Missierna ...**

**It-Tlieta, 21 ta' Mejju**
San Kristofru Magallanes – presbiteru u sħabu, martri
Beatu Ġjaċint Marija Cormier - presbiteru
San Karlu Ġużepp de Mazénod **-** isqof

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Bin Sirak 2: 1-13 (gr. 1-11) | Ħejji ruħek għat-tiġrib. |
| 2. Salm 36:3,4,18,19,27,28,39,40 | Erħi fil-Mulej it-triq tiegħek. |
| 3. Mark 9: 30-37 | Bin il-bniedem se jingħata f'idejn il-bnedmin. |

**SAN KARLU ĠUŻEPP DE MAZÉNOD** - isqof (1787-1861)

- ❖ Dan il-qaddis hu figura mill-aqwa bħala isqof u bħala missjunarju fl-istorja reċenti tal-Knisja. Hu l-fundatur tal-kongregazzjoni reliġjuża tal-Oblati ta' Marija Immakulata, li llum hi waħda mill-aktar importanti fil-missjonijiet tal-Knisja.
- ❖ Twieled f'Aix-en-Provence, fi Franza, minn familja tat-tajjeb. Kellu trobbija tajba mill-ġenituri tiegħu, li kienu nies reliġjużi ħafna.
- ❖ Meta qamet ir-Rivoluzzjoni Franċiża, ħtiġilhom jgħaddu żmien twil fl-Italja. Meta mar lura Franza, u ra l-ħerba reliġjuża li ħalliet ir-Rivoluzzjoni Franċiża, qatagħha li jsir saċerdot biex jgħin lill-poplu nisrani.
- ❖ Fl-1808, ta' madwar 26 sena, meta Ruma u Piju VII kienu taħt idejn Napuljun, daħal fis-seminarju ta' S. Sulpizju f'Pariġi. Hu rrifijuta t-tagħlim Gallikan ta' wieħed mill-professuri tiegħu tat-teoloġija.
- ❖ Billi ra li l-Kardinal Maury ta' Pariġi kien aktar leali lejn l-Imperatur milli lejn il-Papa, talab li l-ordinazzjoni saċerdotali jeħodha mill-isqof ta' Amiens. Qaddes f'Diċembru tal-1811, meta kellu 29 sena. Lil ommu kitbilha: "*Dak li Alla jrid minni hu li jien niddedika lili nnifsi b'mod speċjali għas-servizz tiegħu, biex hekk inqajjem il-fidi li qed tnin fost il-fqar.*"
- ❖ Malajr hu għaqqad miegħu għadd ta' saċerdoti oħra biex jingħataw għall-ħidma mal-foqra u l-aktar imwarrba, u hekk fl-1816, meta kellu biss 33 sena, waqqaf il-kongregazzjoni tiegħu li għall-ewwel kienet tissejjaħ Soċjetà Missjunarja ta' Provence.
- ❖ Imbagħad beda jaħseb għall-formazzjoni tal-kleru. "*Wara l-missjonijiet sagri*", ħalla miktub fil-Kostituzzjonijiet, "*bla dubju l-aktar skop eċċellenti tal-ordni tagħna hu d-direzzjoni tas-seminarji maġġuri, għaliex il-missjunarji jkunu jaħdmu fil-vojt biex jaħtfu 'l-midinbin mill-mewt jekk ma jkunx hemm saċerdoti fil-paroċċi li jkunu mimlijin bl-ispirtu ta' Alla."*
- ❖ Mill-1826, meta l-kongregazzjoni rċeviet l-approvazzjoni formali mill-Papa u l-isem li għandha llum, il-konsagrazzjoni lil Marija, saret karattersitika tal-ordni.
- ❖ Fl-1832, sar isqof titulari. De Mazenod żamm il-post tiegħu ta' superjur anki wara li sar isqof ta' Marsilja fl-1837.

- Il-kongregazzjoni tiegħu, li llum hi waħda prominenti ħafna fil-missjonijiet fid-dinja, bdiet malajr tikber wara l-1841 meta nfetħet l-ewwel dar barra Franza. Dan kien f'Montreal, fil-Kanada fejn saru popolari ħafna u fejn hemm l-akbar għadd ta' membri. Ilum il-kongregazzjoni tiegħu tlaħħaq mas-7,000 membri.
- Il-Beatu Piju IX kien għażel lil Mazenod bħala kardinal, imma hu laħaq miet qabel ma rċieva l-kappell aħmar. Kien il-21 ta' Mejju 1861 meta kellu 79 sena.
- Kien iddikjarat qaddis 1995.

**Riflessjoni:**

Il-bniedem jibża' mis-sagrifiċċju. Jaħseb li jekk ibati ser ikun imdejjaq. Lanqas m'għandu wieħed jaħseb li hu marid psikoloġikament jekk jieħu gost ibati, għalkemm mhux kulħadd jieħu pjaċir bit-tbatija. Fejn hemm l-imħabba t-tbatija tieħu dehra oħra. Irridu nżommu f'moħħna, li biex Kristu fdiena, xerred demmu bi mħabba għalina, u l-imħabba vera tagħti rott bnin għax mingħajr saġrifiċċju ma jsir xejn.

Ir-rebħa tiegħu ... r-rebħa tagħna! Angelo Xuereb

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 45, it-3 punt**

*Although it is a very special effect of God's goodness to preserve you in his holy grace, this is not sufficient for you in your profession. To live according to the spirit of your state, you must act under the influence of grace and make it plain that you are guided by the inspiration of the Spirit of God. This, says Saint Paul, is an indication that you are in God's grace. If you live by the Spirit, he says, then act by the Spirit.*

*You must, then, act in such a way and be so watchful over self that nature will have no part in what you do and that there will be nothing in your conduct that is not produced by grace. Do you not do a great many things for purely human and natural motives, just because you feel like doing them? Do you do everything as being done in God's presence, as being done for God, and do you act as having nothing else to do but to please God?*

**TALBA**



*Mulej Ġesù,*
*jiena nitgħaxxaq bil-magħmudija tiegħi,*
*imma naf li għad baqali x'nissielet*
*kontra d-dnub u dgħufijiet oħra*
*li jkolli kuljum.*
*Għinni biex bil-grazzja tiegħek*
*jiena nkun nista' niġġieled*
*ħalli wara nkun nista' ngawdi*
*r-rebħa miegħek.*
*Ammen*

"Doorway to faith"

**Missierna ...**

**L-Erbgħa, 22 ta' Mejju**

Santa Rita minn Cascia - reliġjuża

Santa Ġwakkina de Vedruna de Mas - religjuża

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Bin Sirak 4: 12-22 | Dawk li jħobbu l-għerf, iħobbhom il-Mulej. |
| 2. Salm 118:165,168,171,172,174.175 | Sliem bil-kotra għal min iħobb il-liġi tiegħek. |
| 3. Mark 9: 38-40 | Min mhuwiex kontra tagħna, huwa magħna. |

**SANTA RITA MINN CASCIA –** reliġjuża (1381-1457)
Santa Rita kienet miżżewġa raġel vjolenti ħafna. Sofriet bil-paċenzja u bl-imħabba l-azzjonijiet tiegħu u rnexxielha twasslu għar-rikonċiljazzjoni. Wara l-mewt ta' żewġha u wliedha daħlet fil-monasteru tal-Ordni ta' Santu Wistin ġewwa Cascia fl-Umbria, u kienet ta' eżempju liema bħalu ta' spirtu, ta' penitenza, ta' għaqda u ta' paċi.

**SANTA ĠWAKKINA DE VEDRUNA DE MAS –** religjuża (1783-1854)

- Twieldet fi Spanja fl-1783. Iżżewġet lin-nobbli Teodoro De Mas, u kellhom ħafna wlied. Imma Teodoro miet fil-gwerra ta' żmien Napuljun u allura Ġwakkina rtirat fil-belt ta' Vich, fejn waqqfet il-kongregazzjoni tas-sorijiet Karmelitani tal-Karità, biex jgħallmu fl-iskejjel u jieħdu ħsieb il-morda fl-isptarijiet.
- Kien f'idejn Sant'Anton Marija Claret, li wara sar isqof u fundatur, li Santa Ġwakkina għamlet il-voti reliġjużi. Tnejn minn ulied Santa Ġwakkina saru sorijiet magħha.
- Ġwakkina Vedruna De Mas mietet ta' 71 sena fil-belt ta' Barċellona bil-marda tal-Kolera fit-22 ta' Mejju, 1854, u ġiet ikkanonizzata mill-Papa Ġiovanni XXIII fl-1959.
- Il-fdal tagħha jinsab meqjum fil-kappella tas-sorijiet tagħha fil-belt ta' Vich, qrib Barcellona. Illum dawn is-sorijiet jinsabu numerużi fi Spanja u fl-Amerika t'Isfel.

**Riflessjoni:**
Oh, kemm hi sabiħa u tal-hena l-ħajja ta' dak li jservi 'l Alla! Għalih jispiċċa l-jasar u tibda l-qdusija. Ibierek l-istat tal-patrijiet u s-sorijiet! Fih il-bniedem isir jixbah lill-anġli, jogħġob 'l Alla, jitkexkxu minnu d-demonji u jkunu l-hena tat-tajbin kollha. Oh, mela, ħajja ta' min iservi 'l Alla, kemm int ta' min jixtieqek u jħaddnek! Waqt li bik il-bniedem isir jistħoqqlu ġid ta' bla tarf, jaqla' wkoll bik hena li qatt ma jintemm.

L-Imitazzjoni ta' Kristu: it-tielet ktieb, Kap. 10

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 196, it-2 punt**

*Jesus Christ, speaking to his Apostles, told them that he gave an example to them, so that they may do as he had done. He also wanted his disciples to accompany him at all the conversions he brought about, so that seeing how he acted, they could be guided and formed by his conduct in all they would have to do to win souls to God. This is also what you must do, because Jesus Christ has chosen you among so many others to be his cooperators in the salvation of souls. In reading the Gospel, you must study the manner and the means that he used to lead his disciples to practice the truths of the Gospel.*

## TALBA



*O Alla,*
*inti kellimt lid-dinja li nieqsa milli tisimgħek,*
*permezz tal-kelma tal-imħabba.*
*iftħilna widnejna biex nisimgħuk;*
*iftħilna qalbna biex nagħtu kasek.*
*Agħmel li jkollna r-rieda li ngħaqduk,*
*biex inxandru l-aħbar it-tajba*
*bl-eżempju tagħna.*
*Dan nitolbuk*
*bl-istess Ġesù Kristu, ibnek, sidna,*
*li jgħix u jsaltan miegħek*
*u mal-Ispirtu s-Santu,*
*Alla wieħed għal dejjem ta dejjem.*
*Ammen*

Addattata mill-Magnificat

**Missierna ...**

## Il-Ħamis, 23 ta' Mejju

Santa Ġovanna Antida Thouret - verġni
San Ġwann Battist De'Rossi
San Ivo

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Bin Sirak 5: 1-10 | Toqgħodx tistenna biex iddur lejn il-Mulej. |
| 2. Salm 1: 1-4 u 6 | Hieni l-bniedem li jqiegħed fil-Mulej it-tama tiegħu. |
| 3. Mark 9: 41-50 | Jaħbatlek aħjar li tidħol b'id waħda fil-ħajja, milli tmur b'idejk it-tnejn fl-infern. |

**SANTA ĠOVANNA ANTIDA THOURET -** reliġjuża (1765-1826)

- Dil-qaddisa twieldet qrib Besancon, fi Franza, minn familja ta' bdiewa. Wara l-mewt ta' ommha kellha tieħu ħsieb seba' ħutha iżgħar minnha. Ta' 22 sena daħlet mas-Sorijiet tal-Karità ta' San Vinċenz de Paul f'Pariġi.
- Meta r-Rivoluzzjoni Franċiża xoljiet u xerrdet ir-reliġjużi kollha, fosthom is-Sorijiet tal-Karità, Antida reġgħet sabet ruħha Besancon weħedha, bla ħadd minn sħabha u bla gwida.
- Imma l-foqra u l-morda ssibhom dejjem u kullimkien. Il-voti tagħha ma setgħux jiġu kkanċellati mir-rivoluzzjoni u l-qaddisa bagħet soru bil-moħbi. Kienet tikkura l-morda u tmexxi t-talb f'postijiet moħbija, u kienet ukoll tissogra ħajjitha tgħin lis-saċerdoti fil-ħabs. Imħallta fil-folla, kienet takkompanja sal-giljottina l-ikkundannati għall-mewt, u ssegwihom b'ħarsitha sal-aħħar mument biex tagħmlilhom kuraġġ.
- Aktar tard il-vigarju tad-djoċesi ried iwaqqaf f'Besancon istitut ġdid ta' sorijiet fuq il-mudell ta' San Vinċenz de Paul. Ġovanna meddet idejha għal din il-ħidma fil-11 ta' April 1797 billi waqqfet is-Sorijiet tal-Karità biex tifforma għalliema, infermieri u katekisti. Għall-ewwel kien hemm ħafna kontra tagħhom (osteggiati), imbagħad bdew jiġu ttollerati, u fl-aħħar meta tela' fil-poter Napuljun Bonaparte, is-sorijiet kienu msejħin biex jaħdmu fl-isptarijiet u fl-iskejjel.
- Billi l-klima nbidlet, l-istitut żviluppa u fl-1810 il-Marixxal Ġwakkin Murat talab lis-sorijiet biex imorru fir-renju ta' Napli. Ġovanna Antida marret hemm ma' tmien sorijiet oħra, waqqfet il-monasteru ta' Regina Coeli u minn hemm bdiet biex twaqqfu disat idjar oħra.
- F'daqqa waħda faqqgħet kriżi fuq il-fondazzjoni min-naħa tal-isqof ta' Besancon, u fl-1821 marret f'dik il-belt bit-tama li żżomm il-kongregazzjoni magħquda, imma l-isqof ma laqagħhiex, anzi rrifjuta li hija tidħol fl-istitut tagħha stess.
- F'dawn iċ-ċirkustanzi dolorużi, Ġovanna Antida Thouret tat lezzjoni mill-aqwa u eżempju kollu dawl għal kulħadd: tbus fis-silenzju l-bieb li kien sbarrat għaliha, u titlaq minn hemm. Taċċetta kollox biex tibqa' fidila għall-Knisja.
- Santa Ġovanna Antida Thouret mietet f'Napli, ħames snin wara din il-ġrajja doloruża, meta kellha ftit inqas minn 61 sena. Kien fl-24 ta' Awwissu 1826 u difnuha fil-knisja tar-Regina Coeli.
- Ġiet iddikajarata qaddisa mill-Papa Piju XI fl-1934 wara fejqan mirakoluż li kien seħħ f'Malta ftit snin qabel.

**Riflessjoni:**

Kuraġġ. Agħraf it-tajjeb li tkun għamilt f'ħajtek u indem u rritorna lejn il-Mulej. Taqtax qalbek għax il-Mulej għandu fiduċja sħiħa fik. Intelaq f'idejh u agħmel dak li jgħidlek hu u tikseb mill-ġdid il-kuraġġ tat-tisħiħ tal-fidi tiegħek.

Tintelaqx. Afda fih. L-opri tajba tiegħek huma teżor għalik fis-sema. Ftakar fihom, indem minn ħtijietek u kull darba li taqa' erġa' qum u imxi warajh.

"Mitt Minuta mal-Mulej", Fr. Charles Fenech

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Ittra 105**

*Dislike for our neighbor and resentment for wrongs done to us prevent our prayers from reaching God. If our hearts are torn by anger or hatred, it is impossible for us to maintain union with Jesus Christ; so, ceasing to be members of his mystical body, we cannot expect the Father to hear our prayers, since he does not recognize the Spirit of his Son in us.*

*Adapt yourself with gracious and charitable compliance to all your neighbor's weaknesses, and in particular make it a rule to hide your feelings in many matters of an indifferent nature.*

*Give up all bitterness toward your neighbor, no matter what, and be convinced that your neighbor is in everything better than you are. This will not be difficult for you if you keep even a little aware of yourself, and it will give you the ability to overcome your feelings of resentment. Each day look for every possible opportunity to do a kindness for those for whom you feel dislike.*



**TALBA**

*Mulej,*
*aħna li qed inxerrdu dmugħ, niġu għandek,*
*għax fid-dwejjaq tagħna inti dejjem taqsam magħna.*
*Aħna li qed inbatu niġu għandek,*
*għax nafu li inti tfejjaq.*
*Aħna li ninsabu mbeżża' niġu għandek,*
*għax nafu li għandek tbissima għalina.*
*Aħna naqsmu ħajjitna mal-ħajja tiegħek*
*għax inti taqsam tiegħek ma' tagħna*
*u għalhekk aħna nafu,*
*Alla tal-imħabba,*
*li "tħobb persuna oħra,*
*hi tassew, li tmiss lill-wiċċek*".*
*Agħmel li ngħixu fl-imħabba tiegħek għal dejjem.*
*Ammen.*

Bro. Nicholas Hutchinson
*Victor Hugo

**Missierna ...**

**Il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju**

L-Imqaddsa Verġni Marija Għajnuna tal-Insara
San Girgor VII - Papa

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Bin Sirak 6: 5-17 | M'għandekx kejl biex tkun taf xi jsarraf ħabib ta' min jafda fih. |
| 2. Salm 118: 12,16,18,27,34,35 | Mexxini mill-mogħdija tal-kmandamenti tiegħek. |
| 3. Mark 10: 1-12 | Dak li għaqqad Alla m'għandux jifirdu l-bniedem. |

**SAN GIRGOR VII – Papa** ( c1025-1085)

- Kien Papa Benedittin, wieħed mill-akbar papiet u wieħed min-nies kbar tal-istorja.
- Hildebrant, twieled Soana, fit-Toskana, minn familja umli. Għadu żgħir, zijuh Lawrenz, Abbati ta' Santa Marija fuq l-Aventino, sejjaħlu ħdejh Ruma.
- Ipprofessa Benedittin, għadu żagħżugħ, u sar kappillan mal-Papa Girgor VI. Mal-Papa mar l-eżilju fi Franza, u meta l-Papa miet Kolonja (1047) mar, għal fuq sena, fil-monasteru magħruf ta' Cluny.
- Reġa' lura Ruma ma' Bruno, isqof ta' Toul, meta dan ġie maħtur Papa (S. Ljun IX, 1049-1054). Sar kardinal-suddjaknu ftit wara, u Ljun ħatru amministratur tal-Patrimonju ta' San Pietru.
- Kellu bosta uffiċċji u qeda bosta missjonijiet, u l-amministrazzjoni għaqlija tiegħu daħħlet ir-riforma, li kienet ilha meħtieġa, fil-monasteru ta' San Pawl *Fuori Le Mura.*
- Wara l-mewt ta' San Ljun, ir-Rumani riduh bħala suċċessur, iżda Hildebrand ma riedx jaċċetta.
- Meta Alessandru miet, il-poplu u l-kleru bdew jgħajtu b'leħen wieħed, fil-Bażilika tal-Lateran, waqt il-funeral tal-Papa mejjet: *"Irridu 'l Ildebrandu Papa. San Pietru għażel l-Arċidjaknu Ildebrandu!"* Il-protesti tiegħu ma swew xejn.
- Ħaduh fil-knisja ta' San Pietru in Vincoli, u hemm il-Kardinali ħatruh Papa ( 22 ta' April 1073).
- Kien il-bniedem tas-siegħa: l-awsterità tal-virtujiet tiegħu u l-ħila tiegħu fl-amministrazzjoni kienu jikkmandaw ir-rispett ta' kulħadd.
- L-opra ta' San Girgor bħala Papa, kellha tliet skopijiet ta' riforma: jeqred is-*Simonija*, *il-Klerogramija* (kleru bin-nisa) *u l-Investitura Lajka* (l-approvazzjoni tal-Imperatura għal kull nomina ekkleżjastika importanti).
- Il-kundizzjonijiet interni tal-Knisja Nisranija kienu ħżiena ħafna dak iż-żmien.
- Miet fil-25 ta' Mejju 1085, fl-eżilju f'Salerno.
- L-aħħar kelmiet tiegħu kienu: "*Ħabbejt il-ħaqq u bgħadt il-ħażen, għalhekk immut fl-eżilju."*

**Riflessjoni:**

Il-bniedem huwa dgħajjef u debboli bħal ġarra tal-fuħħar. Huwa jkompli jħoss il-limitu tax-xejn u tal-mewt. Taħt dan il-velu ta' miżerja tibbrilla l-mewt u l-qawmien glorjuż ta' Kristu. L-istorja tal-Appostlu San Pawl u ta' kull nisrani li jgħix fidil għall-fidi tiegħu tipproduċi u ttawwal id-dramm ta' Ġesù li miet u rxoxta.

Inħossu għalhekk fil-ħajja tagħna t-toqol tat-tbatija li tkompli tagħfas fuqna iżda li ma tgħattanniex. Ilkoll kemm aħna minkejja li ppersegwitati m'aħniex abbandunati minn Ġesù. Għax f'din l-esperjenza ħajja ta' kuljum tidher il-mewt u l-qawmien ta' Kristu.

"Mitt Minuta mall-Mulej", Fr. Charles Fenech OP

**Meditazzjoni ta'San Ġwann Battista De La Salle:**

Collection of various short treatises

*Do you observe silence exactly and maintain recollection both inside and outside the house? Are you attentive to the holy presence of God? Do you recall it frequently, always through faith? Do you keep strict watch over yourself and often enter into yourself, so that you do not perform a single action unguardedly and without thinking of God?*



**TALBA**

*Għeżież ħuti,*
*għażlu u għixu l-Kelma ta' Alla:*
*imxu fuq l-eżempju ta' Marija,*
*ħa tkun għajnuna fid-deċiżjonijiet tagħkom*
*fil-familja, fix-xogħol u fil-kommunità nisranija.*
*Komplu imxu fil-fidi u*
*fidili fil-missjoni afdata lilkom,*
*ersqu lejn il-ħlejjaq kollha bil-ferħ*
*biex ixerrdu r-rigal tas-salvazzjoni.*
*Ħallu l-Ispirtu s-Santu jmexxikom*
*biex tkun l-ħmira għall-ħajja ġdida,*
*il-melħ tal-art,*
*u d-dawl tad-dinja.*

Il-Papa Benedittu XVI

**Missierna ...**

**Is-Sibt, 25 ta' Mejju**

Jum il-Vokazzjonijiet

San Beda l-Venerabbli - presbiteru u duttur tal-Knisja

Santa Marija Maddalen dè Pazzi

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Bin Sirak 17, 1-13 | Alla għamel il-bniedem skont xbihatu. |
| 2. Salm 102 13-16.17-18a | It-tjieba tal-Mulej minn dejjem għal dejjem. |
| 3. Mark 10, 13-16 | Min is-Saltna ta’ Alla ma jilqagħhiex bħal tifel ċkejken ma jidħolx fiha. |

**San Beda l-Venerabbli -** duttur tal-Knisja (673-735)

- ❖ Imsejjaħ “Missier l-istorja tal-Ingilterra, minħabba l-famuża kitba tiegħu “Storja Ekkleżjatika … tal-Poplu Ingliż.”
- ❖ Ta’ 7 snin daħħluh fil-Monasteru Benedittin ta’ Wearmouth, taħt il-famuż San Benedittu Biscop (fundatur tal-monasteru) fejn baqa’ sa mewtu 55 sena wara, “*dejjem jikteb, dejjem jitlob, dejjem jaqra u dejjem jgħallem*.”
- ❖ Kellu ħafna għal qalbu l-istudju tal-Bibbja. Kiteb aktar minn 40 ktieb ta’ storja, kronoloġiji, fiżika, mużika, filosofija, poeżija u mediċina. Bla dubju San Beda kien fost l-akbar għorrief ta’ żmienu.
- ❖ Kien magħruf għal qdusitu - u hemm min iżomm li t-titlu ta’ Venerabbli ngħatalu meta kien għadu ħaj.
- ❖ San Beda miet ta’ 62 sena, fis-sena 735.
- ❖ Ljun XIII iddikjarah Duttur tal-Knisja fl-1899.

**Riflessjoni:**

Dan taf tagħmel l-imħabba tiegħek, Mulejja, qabel xejn iżżurni mingħajr xejn ma jistħoqqli biex imbagħad tieqaf miegħi f’tant bżonnijiet tiegħi, tħarisni minn tant tiġrib kbir u minn deni (nista’ ngħid) bla tarf. Meta ħabbejt iżżejjed lili nnifsi, tlift lili nnifsi; u meta fittixt lilek biss u b’qalbi kollha ħabbejtek, sibt lili u lilek ukoll, u bil-qawwa ta’ mħabbtek irnexxieli li tant ċekkint ruħi quddiemek li sirt narani xejn. Għaliex int, o Ġesu ħelu tiegħi, tagħmel miegħi aktar milli ħaqqni, u aktar milli għandi ħila nitma jew nitolbok.

L-Imitazzjoni ta’ Kristu, it-tielet ktieb, kap. 8

**Meditazzjoni ta’ San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 41, it-3 punt**

*The reason why the world maltreats and insults the disciples of Jesus Christ is, as our Lord declares, because this world has not known him or his Father who sent him. Indeed, the people of the world, as a rule, have no love except for people like themselves, that is, for those who enjoy nothing but what caters to their senses. Because they have only a very imperfect knowledge of God, they do not think about God, never speak about God, do not willingly hear about God, and scarcely ever pray to God. It follows that they have only disdain for God’s faithful servants and friends and often make this manifest.*

*At times you may have to teach children who do not know God, because they have been brought up by parents who do not know God. Strive to know God so well through reading and prayer that you may be able to make him known to others and make him loved by all those to whom you have made him known.*

## TALBA GĦALL-VOKAZZJONIJIET



*O Alla, int għażilt lil*
*San Ġwann Battista De La Salle*
*biex jagħti edukazzjoni nisranija*
*lit-tfal u liż-żgħażagħ;*
*qajjem fil-knisja tiegħek*
*Brothers u għalliema, nisa u rġiel*
*li jingħataw b'qalbhom kollha biex*
*jedukaw lit-tfal u liż-żgħażagħ,*
*sew bħala bnedmin u sew bħala nsara.*
*B'ibnek Ġesù Kristu Sidna,*
*li hu Alla u miegħek jgħix u jsaltan*
*flimkien mal-Ispirtu s-Santu,*
*għal dejjem ta' dejjem,*
*Ammen.*

**Missierna ...**



## Il-Ħadd, 26 ta' Mejju
## Solenità tat-Trinità Qaddisa

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1.Proverbi 8: 22-31 | L-għerf kien jeżisti sa minn qabel ma nbdiet l-art. |
| 2. Salm 8: 4-9 | Mulej, Sid tagħna, kemm hu kbir ismek fl-art kollha! |
| 3. Rumani 5: 1-5 | Ma' Alla, bi Kristu, bis-saħħa tal-imħabba li ssawbet fi qlubna permezz tal-Ispirtu s-Santu. |
| 4. Ġwanni 16: 12-15 | Dak kollu li għandu l-Missier huwa tiegħi. L-Ispirtu jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom. |

**Riflessjoni fuq il-Vanġelu:**

- "Forsi tiddejjaq jekk għal darb' oħra nerġgħu nibdew nistaqsu: 'Min hu Alla?' Din il-mistoqsija għamiltha spiss u issa qiegħed tiddubita hemmx risposta. Imma jien ngħidlek li Alla hu l-uniku wieħed li jinstab dejjem anke meta jidher li hu impossibbli li ssibu."
- Kif jgħid San Bernard hemm mistoqsijiet li ma nistgħux nevitaw u din fuq Alla hija l-ikbar waħda fosthom.
- Għalhekk il-Knisja kull sena tistedinna nikkontemplaw dan il-misteru kbir tal-fidi tagħna fejn fil-qosor insibu s-sens ta' dak kollu li nemmnu u tal-esperjenza kollha tal-ħajja. Il-komunita nisranija tagħmel dak li ordnalha Ġesù li tmur fid-

dinja kollha xxandar il-vanġelu lil kull ħlejqa "fl-isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu". Ma tagħmel xejn iktar ħlief twieġeb għal ħtieġa ta' qalb kull bniedem li jkun jista' jikkontempla 'l wiċċ Alla. Il-Knisja għadha qatt ma waqfet tagħmel dan anqas waqt l-eqqel mewġa ta' atejiżmu tal-massa meta l-bniedem ried joħloq dinja xbieha tiegħu mingħajr Alla anzi kontra Alla fejn ħafna minn dawk li jemmnu urew dubju iktar milli fidi fil-qawwa tal-kelma t'Alla. Il-Knisja ma tistax tieqaf tagħmel dan fis-soċjeta tagħna mibnija fuq il-fdalijiet tal-idejoloġiji fejn jiddomina il-ħsieb kif jgħid ir-Rabbi Heschel li "nirrifjutaw li nistaqsu min aħna, jew dwar is-sens ta' għemilna…". Soċjeta bla nifs fejn il-fidi donna dejjem se tifga. Triq tibqa' twasslu bil-paċenzja, bl-umilta lill-bniedem tant vulnerabbli imma moħbi wara l-arroganza li tostorlu id-disperazzjoni.

- Il-Knisja trid ixxandar id-dogma tat-Trinita b'urġenza kbira biex jieqfu l-proġetti mdemmija kollha fejn il-bniedem jipprova jagħmel Alla xbieha tiegħu fejn jinbidlu r-rwoli mhux Alla joħloq il-bniedem imma l-bniedem jipprova joħloq lil Alla. Lil min jistqarru bħala wieħed, Hu juri lilu nnifsu bħala Trinita; lil min jipprova jħobb ħwejjeġ oħra Alla jurih li Hu l-uniku li m'hemm xejn iżjed ħliefu. Dan il-misteru impenetrabbli isikket il-preżunzjoni tar-raġuni umana li tipprova tinfed u tiddomina kull rejalta imma fl-istess ħin jistimulana fit-tfittxija b'liberta u kuraġġ.
- Għal din l-umanita orfni li dejjem tfittex Missier, Alla f'Ġesù juri lilu nnifsu bħala iben biex inaqqax fil-bniedem id-dinjita infinita tiegħu, imma lill-ulied ribellużi, kif spiss inkunu, il-Missier iħarsilhom il-liberta tagħhom li tagħti l-ħajja. Lir-reliġjonijiet li jridu jopponu d-dritttijiet t'Alla kontra dawk tal-bniedem u lil-politika li tipprova tagħmel il-kuntrarju, Alla Trinita jwieġeb li fi ħdanu l-Bniedem Ġesù (u dawk kollha li jemmnu fih u jħobbu bħalu) hu gglorifikat għal dejjem mal-Missier u mal-Ispirtu s-Santu u għalhekk mhux possibbli li wieħed jemmen f'Alla mingħajr ma jemmen fil-bniedem; ma nistgħux aktar inħobbu s-sema mingħajr ma nħobbu l-art ukoll. Hekk hu għaliex jekk fir-reliġjonijiet kollha hu l-bniedem li jfittex lil Alla – u meta jsibu jgħix biex jogħġbu biex ikollu l-ħniena tiegħu; għalina l-Insara l-affarijiet huma bil-maqlub. Hu Alla li jfittex lill-bniedem u jqiegħed lilu nnifsu kollu kemm hu għalina. Il-vanġelu ta' llum jikkonfermah dan. Alla tant ġie qrib tagħna li jidher qisu għandu bżonna, u jagħtina mhux biss dak li għandu imma wkoll dak li Hu; Alla l-Iben jitlaqna biex jibqa' dejjem magħna; Alla l-Ispirtu s-Santu jinżel, jaqdina, jiggwidana lejn il-verita sħiħa u jwassalna fil-misteru tal-ħajja divina.
- Dan il-misteru li l-ebda intelliġenza ma kienet kapaċi toħloq, jifhmuh dawk li għandhom qalb sempliċi u safja skont il-loġika evanġelika ta' Alla li fil-waqt li xxejjen lill-imkabbrin u s-suppervi, turi lill-fqar u liċ-ċkejknin l-għerf infinit tiegħu.

**Ħsieb: Kif imissna dan il-misteru lilna l-bnedmin?**

"Kollox ġej mill-Missier, kollox isir permezz tal-Iben, kollox jasal għand il-bniedem fl-Ispirtu s-Santu. Hekk ukoll, fl-Ispirtu, permezz tal-Iben, naslu għand il-Missier. Hu

dejjem il-Missier li jieħu l-inizjattiva fl-istorja tas-salvazzjoni; kollox joħroġ minnu li jrid jaqsam il-ħajja trinitarja tiegħu mal-bniedem." (mill-ktieb: *Del Tuo Spirito*)

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 46, it-tieni punt**

*With good reason we can call the Holy Trinity the mystery of faith, because nothing but faith can throw light on this mystery. Faith alone can enable us to know it, although only in a superficial manner; nevertheless, we do know it as far as it can be grasped in this life.*

*Faith alone keeps our mind fixed on the consideration of this supreme mystery, which is infinitely beyond the range of the human mind. Faith alone, drawing the mind from the darkness of infidelity, leads it deep into this sacred obscurity in which faith holds us captive. Blessed darkness, which veils our understanding and humbles our reason! Other mysteries are accompanied by something tangible that gives our senses and our reason some help, but in this one neither senses nor reason find any assistance.*

*Ask God, therefore, for a deep faith to believe this sacred mystery, and while firmly professing that God is One in Three Persons, proclaim that blessed are those who have not seen but yet believe.*



**TALBA**

*O Alla,*
*Inti Alla wieħed fin-natura*
*imma tliet persuni,*
*missier, iben u Spirtu s-Santu,*
*il-bidu u t-tmiem tal-ħlejjaq kollha.*
*Tjieba infinita*
*u li ma titfissirx;*
***Ħallieq** tiegħi,*
***Redentur** tiegħi,*
*u dak li **jqaddisni**,*
*jiena nemmen fik,*
*nittama fik u nħobbok*
*b'qalbi kollha,*
*Ammen*.

**Missierna ..**

**It-Tnejn, 27 ta' Mejju**
Santu Wistin ta' Canturbury - isqof
San Filippu Neri - presbiteru

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Bin Sirak 17: 20-29 | Dur lura lejn l-għoli u warrab mill-ħażen. |
| 2. Salm 31 : 1,2,5-8 | Ifirħu, twajbin, u thennew fil-Mulej. |
| 3. Mark 10: 17-27 | Mur biegħ li għandek. Ejja u imxi warajja! |

**SANTU WISTIN TA' CANTERBURY** (†604-605)

- ❖ Kien il-Prijur tal-Monasteru ta' Sant'Andrija "Al Celio" ġewwa Ruma, imwaqqaf minn San Girgor u kien San Girgor li bagħtu missjunarju flimkien ma' 39 patri ieħor fl-Ingilterra, fejn niżlu fuq il-gżira ta' Thanet li kienet tagħmel parti mis-saltna ta' Kent fis-sena 597.
- ❖ Ir-re pagan ta' Kent, Ethelbert, (li wara sar qaddis) laqagħhom tajjeb ħafna, speċjalment bis-saħħa ta' martu, Santa Berta li kienet franċiża u nisranija, u nhar Għid il-Ħamsin, 597, irċieva l-magħmudija. Ma damux ma kkonvertew eluf ta' Ingliżi għall-Kristjaneżmu.
- ❖ F'dik l-istess sena, Santu Wistin ġie kkunsagrat isqof ġewwa Arles fi Franza mill-arċisqof ta' dik il-belt. Bena ġewwa Canterbury li tagħha kien l-ewwel isqof, l-ewwel knisja katidrali, fejn illum jinsab il-katidral tant sabiħ ta' Christchurch (illum protestant) mibdi mill-Arċisqof Lanfranc fil-1070, li jħares il-qabar ta' Sant'Anselmu, u li fih ħa l-martirju San Tumas Becket.
- ❖ U barra mis-swar ta' Canterbury, waqqaf il-monasteru ta' San Pietru u San Pawl, fejn kienu jindifnu r-Rejiet ta' Kent u l-ewwel arċisqfijiet ta' Canterbury, l-ewwel fosthom Santu Wistin innifsu. Din l-abbazija bdiet tissejjaħ ta' Santu Wistin wara li ndifen fiha. Wara li ħadem bla mistrieħ biex ixerred il-fidi fost dak il-poplu, u wara li ħatar lil San Mellitu Isqof ta' Londra, lil San Ġustu isqof ta' Rochester u lil San Lawrenz bħala suċċessur tiegħu bħala Arċisqof ta' Canterbury.
- ❖ Santu Wistin miet fis-26 ta' Mejju, 604, jew 605, ftit wara l-mewt ta' San Girgor, u wara ħidma intensa ta' 7 jew 8 snin fl-Ingilterra.
- ❖ Ġeneralment Santu Wistin u sħabu huma miżmuma bħala Benedittini bħall-Papa San Girgor li bagħathom missjunarji. U bħal San Girgor, Santu Wistin ta' Canterbury huwa msejjaħ u bir-raġun l-"*Appostlu tal-Ingilterra*".

**Riflessjoni:**
Li tħobb hu ħaġa sabiħa u li kulħadd jixtieqha. Anzi, ħlief f'xi każijiet diffiċli, kulħadd iħobb lil xi ħadd u allaħares ma kellu lil ħadd lil min iħobb. Li qed jitlobna Alla hu li nħobbu aħjar, bi mħabba dejjem inqas interessata, bla kundizzjonijiet. Li tinkludi ħwejjeġ diffiċli wkoll, bħall li taħfer u ma żżomx f'qalbek, jew li tħobb ukoll meta tkun

għajjien ma għandek aptit ta' ħadd. Għax forsi ma nafux sew xi tfisser tħobb; irridu noħorġu mill-idea, żbaljata ferm, li l-imħabba hi sempliċi ġibda lejn persuna. Meta din il-ġibda tgħib, allura l-imħabba tgħib magħha.

"Sibt 'l Alla fid-deżert", Fr. Harry Formosa

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 186, it-3 punt**

*When the bishop of Paris died, the holy life of Saint Marcellinus caused him to be chosen to replace him. In this exalted responsibility, so difficult to carry out well, he showed how great was his zeal for the salvation of souls. Besides using all the natural and supernatural talents God had given him to procure their sanctification, he did not cease to pray and keep watch to help the ones who needed conversion and to draw down on others the graces needed for them to be strong in the practice of good and to advance in virtue.*

*In some sense it can be said that each of you is a bishop, that is, the vigilant guardian of the flock that God has entrusted to you; consequently, you are obliged to keep watch over all those who belong to it; as Saint Paul says, you have to give an account to God for their souls. Do you sometimes reflect before God how fearful this account is? The soul of each one of those you guide is infinitely dear to God, and if any one of them is lost through your fault, God has said it, and he will do it: he will require from you soul for soul.*



**TALBA**

*O Alla, mimli b'qawwa ta' mħabba!*
*Imħabbtek hija don li inti tajtni,*
*mingħajr ma qgħadt tqis min jien u minn liema familja ġej,*
*ħallejtni liberu li nilqa' din l-imħabba jew li nagħlaq il-bieb ta' qalbi.*
*Imma inti dejjem lest u fidil biex tagħtini din l-imħabba.*
*Agħmel li nifhem tajjeb, li nitqaddes, li nimitak.*
*Għinni mela missier l-imħabba,*
*li nħobb lil dawk li jwarrbuni,*
*lil dawk li ma jistmawnix jew li jobogħduni.*
*Għinni biex nitlob għalihom u*
*nagħmlilhom it-tajjeb mingħajr ma nistenna ebda grazzi .*

*Bro. Louis*

**Missierna ...**

**It-Tlieta, 28 ta' Mejju**
Santa Ubaldeska - verġni
Santa Marija Anna de Paredes - verġni
San Ġerman - isqof ta' Pariġi

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

1. Bin Sirak 35 : 1-15 — Min iħares il-kmandamenti jagħmel sagrifiċċju tas-sliem.
2. Salm 49: 5-8.14, 23 — Lil min jimxi bis-sewwa nurih is-salvazzjoni ta' Alla.
3. Mark 10: 28-31 — F'din id-dinja stess tirċievu għal mitt darba iktar, flimkien ma' persekuzzjonijiet u l-ħajja ta' dejjem fiż-żmien li ġej.

**SANTA UBALDESKA –** verġni (1136-1206)

- Santa Ubaldeska twieldet f'Calcinaia, qrib Pisa l-Italja, fl-1136. Il-ġenituri tagħha kienu bdiewa umli u rawmuha fil-biża' t'Alla. Kienu jipprattikaw l-virtù tal-ubbidjenza u tas-silenzju u minn età żgħira binthom trawmet f'dan l-ambjent. Kienet tfajla bieżla ħafna u mehdija fit-talb.
- Ubaldeska kienet tħobb ħafna l-foqra u kull meta ġiet f'kuntatt magħhom qatt ma kienet tħallihom mingħajr ma tagħmel xi att ta' karità magħhom. Meta ma kien ikollha xejn xi ttihom, kienet tħallihom bit-tbissima ħelwa tagħha, u bi nkuraġġiment.
- Talbet lil Alla jmexxiha u jgħarrafha x'jixtieq minnha. Ta' erbatax-il sena kellha dehra u anġlu qalilha biex tidħol fil-kunvent tas-sorijiet ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm. Meta rrispondietu li ma kellhiex mnejn tixtri d-dota l-anġlu weġibha li l-Ispirtu s-Santu jipprovdilha.
- Hija daħlet il-kunvent fejn laqgħuha b'ferħ kbir. Il-qdusija tagħha kienet ta' eżempju għal ħutha s-sorijiet. Kienet tgħix ħajjitha fit-talb, sawm, astinenza u penitenza, dejjem fil-prattika tal-virtujiet tal-ubbidjenza, umiltà u tjubija kbira. Kienet karitattiva ma' kulħadd u dejjem bi tbissima fuq wiċċha, anke meta kienet tkun qiegħda ssofri. Dan kien dovut għall-kontemplazzjoni kontinwa ta' Ġesù, Marija u l-qaddisin. Kienet tħoss kontinwament il-preżenza ta' Ġesù maġenba.
- Il-kunvent għadda minn perjodu ta' faqar kbir, tant li biex tgħix il-kongregazzjoni, flimkien mal-foqra li kien ikollhom taħt is-saqaf tagħhom, kellhom joħorġu jittalbu fil-belt. S.Ubaldeska kienet waħda mis-sorijiet li għal snin twal kienet toħroġ tittallab biex tipprovdi għall-bżonnijiet tal-kunvent.
- Darba, fil-Ġimgħa l-Kbira, ltaqgħet ma' mara fqira li talbitha tixrob, Ubaldeska newlitilha l-ilma. Il-mara talbitha tberkilha dak l-ilma u Ubaldeska biex ma tiksrilhiex qalbha, berkitu. Kif il-fqira bdiet tixrob sabitu nbid. Ix-xnieha ġriet u l-bieqja nżammgħet bħala relikwa.
- Ġurnata minnhom, meta l-qaddisa kienet qiegħda tittallab fil-belt, għaddejja minn ħdejn xi kostruzzjoni, waqa' kantun fuq rasha u korrieha. Ftit tal-jiem wara

l-ferità ddenniet u mtliet bil-materja. Bdiet sejra lura ħafna iżda Ubaldeska kienet ferħana li kienet għaddejja mis-sofferenza. Kienet taf li kienet waslet f'xifer il-mewt.

- Fil-festa tat-Trinità Qaddisa, it-28 ta' Mejju 1206, il-qaddisa ħalliet din id-dinja mdawwra minn ħutha s-sorijiet. Ġimgħa wara li mietet Fra Doctus, id-direttur spiritwali tal-kunvent, kellu rivelazzjoni, ra 'l-qaddisa dieħla l-ġenna mdawwra mill-kori tal-anġli. Bena monument, fejn tpoġġa l-ġisem tagħha għall-venerazzjoni. Ħafna mirakli ġew attribwiti lilha wara żjara 'l qabar tagħha.
- Il-Granmastru Fra Hugh de Loubenx Verdala ordna li xi relikwi tal-qaddisa jintbagħtu fil-belt Valletta, Malta. Għalhekk fit-28 ta' Mejju 1587, tpoġġew fil-kappella prinċipali tal-monasteru.
- Fl-1636 inbniet knisja ġewwa Malta (Paola) ddedikata lil Santa Ubaldeska.

**Riflessjoni: Ġesù jgħidilna**

Ibni, jien inżilt mis-sema biex insalva lilek, u lbist il-miżerji tiegħek, mhux għax kelli bżonn, iżda għax tant ħabbejtek. Biex hekk int titgħallem il-paċenzja u biex il-miżerji ta' dil-ħajja ma tgemgimx minnhom. Minn xħin twelidt sa ma mitt fuq is-salib, ebda siegħa ma bqajt bla tbatija. Minn ħwejjeġ tal-ħajja sibt ruħi nieqes għal kollox; taqsis fuqi kull ħin kont nisma', ħammart wiċċ; rajt minn kollox, u ħadt paċenzja. Għamilt mirakli, u pattewli bid-dagħa; għallimt u għalija ma kellhomx ħlief tagħjir.

L-Imitazzjoni ta' Kristu, it-tielet ktieb, kap .18

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** *Collection of Various Short Treatises*

*It must never happen that we willingly do the least thing displeasing to God.*

*1. If by one imperfection you would be deprived even of a single grace of God, would this not be a great loss?*

*2. A soul that is given to God must live and be inspired by the Spirit of the Creator; even one imperfection prevents the infusion of God's Spirit, just as a pebble obstructs the free flow of water through a pipe.*

*3. It takes only a slight matter to grieve God residing in a soul who wishes to belong to him. "You have," says the spouse in the Canticles, "wounded my heart with one of your hairs," as though saying that a single disarranged hair sufficed to offend the sight and to lessen the love of the spouse.*

**TALBA ta, San Injazju**



*Mulej Ġesù,*
*għallimni nkun ġeneruż.*
*Għallimni naqdik kif jixraqlek;*
*li nagħti, mingħajr ma nibża' mill-ġrieħi;*
*li nitħabat, mingħajr ma nfittex is-serħan;*
*li nagħti minni nnifsi u mhux li nitlob ir-rigal;*
*ħlief ir-rigal li nkun naf li qed nagħmel ir-rieda tiegħek. Ammen.*

**Missierna ...**

## L-Erbgħa, 29 ta’ Mejju



**It-Tieni Anniversarju mill-mewt tal-mibki Bro. Louis Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta’ dejjem ...**

Beatu Ġużeppi Kowalski - presbiteru u martri
Beata Elija ta’ San Klement - verġni

*“Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen.”*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Bin Sirak 36: 1-2a,5-6,13-19 | Jagħarfu l-ġnus li m’hemmx Alla ħliefek. |
| 2. Salm 78: 8-9,11,13 | Uri lilna Mulej il-ħniena tiegħek. |
| 3. Mark 10: 32-45 | Aħna telgħin Ġerusalemm, u Bin il-bniedem se jingħata f’idejn il-qassisin il-kbar u l-kittieba. |

**BEATU ĠUŻEPPI KOWALSKI -** presbiteru u martri (1911-1942)

- Il-Beatu Ġużeppi Kowalski twieled f’Siedliska, il-Polonja fl-1911. Fl-1927, ingħaqad mas-Sależjani u pprofessa fid-29 ta’ Ġunju, 1934. Ġie ordnat saċerdot fid-29 ta’ Mejju 1939. Kien is-segretarju għall-provinċja Saliżjana ta’ Krakaw fil-Polonja.
- Kien edukatur u għalliem fuq il-karizma tal-kongregazzjoni ta’ Don Bosco. Anke kien jinqeda bil-mużika, filfatt waqqaf kor ta’ żgħażagħ, bi skop u biex jagħtih l-għajnuna fl-appostolat.
- Kien qed jagħmel appostolat fil-parroċċa ta’ Marija għajnuna tal-insara. Fit-23 ta’ Mejju 1941, daħlu n-Nażi u ġie arrestat flimkien ma’ 11 oħra minn sħabu. Ġew trasportati għall-kamp tal-konċentrament ta’ Auschwitz.
- Wara 14-il xahar, f’dan il-kamp, fl-4 ta’ Lulju, 1942, xi gwardjani ġagħluh jirfes kuruna tar-rużarju biex jikkalpestaha. Il-beatu rrifjuta. L-istess gwardjani bdew jittorturawh u wara qatluh billi għarquh.
- Fit-13 ta’ Ġunju 1999, il-Beatu Papa Ġwann Pawlu II, ibbeatifikah, f’Varsavja, flimkien ma’ 107 martri ieħor Pollakk, martri tan-Nażiżmu.

**Kitbiet tal-Beatu Ġużeppi lill-ġenituri tiegħu mill-kamp tal-konċentrament**:

- ✓ *Toqogħdux tinkwetaw fuqi; jiena qiegħed f’idejn Alla. Irrid nassigurakom li qiegħed inħoss l-għajnuna tiegħu f’kull pass li nagħmel. Minkejja s-sitwazzjoni preżenti, jien ninsab ferħan u kompletament fil-paċi.*
- ✓ *F’kull pass li nagħmel jien inħoss il-qawwa ta’ Alla. Kull fejn inkun, kull ma jiġri minni, jien qiegħed f’idejn il-Providenza Divina li qed tħares fuq in-nazzjonijiet u fuq kull individwu.*

**Riflessjoni:**
Alla wriena safejn tasal imħabbtu meta bagħat lil ibnu stess biex jifdina, bagħat lil ibnu li kien jaf li d-dinja mhix ser tilqgħu iżda ser toqtlu. Din hi l-imħabba li Alla jridna nippratikaw fl-għajnuna u fir-rispett ta' xulxin. Għaliex nerġa' ntenni tant firdiet fil-familji tagħna, tant ġlied, ġenituri jfarrku familji, ulied li ma jirrispettawx lill-ġenituri?... Alla jridna nħobbu lil xulxin u aħna nobogħdu lil xulxin.
Jekk veru aħna wlied Alla rridu nħobbu kif Alla ħabb lilna, jiġifieri mingħajr limiti u kundizzjoni, li naħfru u li ngħinu lil min iweġġagħna. Mhux faċli iżda din hija l-bidla ta' mentalità u tal-qalb li jridna nwettqu Alla. Huwa BISS jekk inħobbu lil xulxin, li Alla jgħammar fina u aħna ngħammru f'Alla għax inkunu xhieda awtentika tiegħu.

"Mitt Minuta mall-Mulej", Fr. Charles Fenech OP

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 205, parti mit-3 punt**
*In making you responsible for the instruction of children and their formation in piety, Jesus Christ entrusted to you the task of building up his body, which is the Church. You are likewise responsible, as far as you are able, to make her holy and to purify her by the word of life, so that she may be able to appear before him full of glory, without stain, without wrinkle, without any defect, but completely pure and beautiful. For this he wants you to give him an exact account when he calls for it, because he holds this responsibility very much at heart, having loved his Church so much that he gave himself up for her.*



**TALBA**

*Mulej Ġesù,*
*jien ukoll bħal Pawlu*
*nixtieq inwassal il-messaġġ tiegħek*
*tal-qawmien tiegħek*
*lil dawk li nagħmilha magħhom,*
*dawk li niltaqa' magħhom u li nħobbhom*
*għax int ħabbejtna lkoll.*
*Veru li jien m'inix għaref*
*biex nagħraf kif għandi nitkellem,*
*imma Ġesù, kattar fija l-fidi*
*biex nissogra nkellem lil dawk*
*li niltaqa' magħhom waqt il-laqgħat ta' spiss.*
*Jkollok ħniena,*
*int li int kollok mimli b'qalb ħelwa,*
*kun int li tiggwidahom fil-verità sħiħa*
*għax jien dgħajjef u bla ħila.*

Bro. Louis

**Missierna ...**

**Il-Ħamis, 30 ta' Mejju**
Santa Battista Varano - verġni
Santa Ġovanna d'Arco – verġni
San Ferdinandu III – re ta' Kastilja

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Bin Sirak 42, 15-26 | B'sebħ il-Mulej hu mimli xogħlu. |
| 2. Salm 32: 2-3.4-5.6-7.8-9 | Bil-kelma tal-Mulej saru s-smewwiet. |
| 3. Mark 10, 46-52 | Li nerġa' nara, Rabbuni! |

**SAN FERDINANDU III -** re ta' Kastilja (1198-1252)

- Kien iben ir-Re Alfonsu IX ta' Leon u r-Reġina Berengarja, bint ir-Re Alfonsu III ta' Kastilja, li din kellha ommha bint ir-Re Neriku II tal-Ingilterra, u oħtha Bianca, Reġina ta' Franza, mart ir-Re Lwiġi VIII, u omm San Lwiġi IX.
- Twieled fl-1198 qrib il-belt ta' Salamanca fi Spanja, u sar Re ta' Kastilja fl-1217, u ta' Leon fl-1230. Kienu jsejħulu l-qaddis (*El Santo*) ukoll meta kien għadu ħaj.
- Kien tassew re nisrani, kien Terzjarju Franġiskan, kien tassew iħobb l-Knisja, lis-saċerdoti u lir-reliġjużi. Għen ħafna lill-Franġiskani u lid-Dumnikani.
- Waqqaf l-universita' tant famuża ta' Salamanca, ċertament waħda mill-aqwa tal-Ewropa u bena l-Katidrali l-iktar kbar u sbieħ ta' Burgos u ta' Toledo.
- Wara kruċjata ta' kważi 27sena, irnexxielu jeħles minn taħt il-Misilmin l-ibliet importanti ta' Kordova, Jaen, Cadiz u Sivilja.
- Għen lill-foqra u lill-imsejkna, u ta l-isbaħ eżempju ta' ħajja qaddisa.
- Miet ta' 53 sena fit-30 ta' Mejju, 1252, u ġie kkanonizzat mill-Papa Klement X fl-1671. Il-fdal ta' San Ferdinandu jinsab meqjum fil-Katidral ta' Sivilja, peress li l-qaddis kien miet f'din il-belt.
- Waħda minn uliedu, Eleonora, saret reġina tal-Ingilterra, meta żżewġet lir-Re Dwardu I.

**Riflessjoni:**
L-Evanġelisti jridu jgħidulna li Ġesù ġie mingħand Alla biex jgħallem; għamel il-mirakli, sofra l-passjoni, miet u qam fit-tielet jum u wara erbgħin jum tela' s-sema, biex jiftħilna l-bieb tas-salvazzjoni u jurina t-triq li għandna nimxu biex naslu għandu f'dar il-Missier.
Dan jurina li l-fidi nisranija hija mibnija fuq Kristu Rxuxtat, biex inkunu konvinti li hu, Alla li ġie biex isalvana u nagħarfu nimxu warajh skont il-Vanġelu tiegħu.

'Ir-rebħa tiegħu ... r-rebħa tagħna!" Anġelo Xuereb

**Meditazzjoni ta’ San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 73, l-1 punt**

*A courtier, having gone to Jesus, begged him to come to his house to cure his son, who was at the point of death. Jesus answered him, Unless you see miracles and wonders, you do not believe. This Gospel can be very well applied to many people living in community, who frequently and inappropriately would like to see miracles in order to believe that they ought to do the good that is their duty.*

*First, they wish to see miracles and wonders in their superiors in order to believe them, regard them as such, and obey them. They would like to see their superiors without fault; otherwise, they criticize their actions, murmur against them, and complain about them, saying that it is very easy for superiors to give orders.*

*They seem to demand as much perfection in their superiors, so to speak, as they might encounter in Jesus Christ. All this happens only because they do not obey in a spirit of faith, and they look upon their superior as only a man, not as the minister of God and the one who visibly takes his place in their regard.*

L-ISPIRTU TA’ FIDI U L-EFFETTI TIEGĦU

1. LI MA TĦARES LEJN XEJN JEKK MHUX BL-GĦAJNEJN TAL-FIDI.
2. LI MA TAGĦMEL XEJN JEKK MHUX GĦAL ALLA.
3. LI TQIS KOLLOX BĦALA ĠEJ MINN ALLA.

l-Ispirtu ta’ Fidi huwa spirtu li f’kollox jirregola ruħu li jimxi fuq il-massimi u s-sentimenti meħudin mill-Iskrittura.



**TALBA**

*Mulej u salvatur, kollok ħniena,*
*inti tnaddafna minn dnubietna*
*bid-demm li xerridt fuq is-salib.*
*Agħtina l-grazzja*
*li nifirħu bil-ħelsien li inti tajtna;*
*u bl-istess qawwa ta’ mħabba*
*li int wrejt magħna,*
*inkunu t’għajnuna għall-oħrajn*
*biex jagħarfu l-ħelsien.*
*Int li tgħix u ssaltan,*
*ma’ Alla l-Missier u l-Ispirtu s-Santu,*
*Alla wieħed għal dejjem ta’ dejjem.*
*Ammen.*

Magnificat

**Missierna ...**

## Il-Ġimgħa, 31 ta' Mejju

Iż-Żjara tal-Verġni Mqaddsa Marija

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Sofonija 3:14-18a | Is-Sultan ta' Israel, il-Mulej, hu f'nofsok. |
| *jew* | |
| Rumani 12: 9-16b | Aqsmu ġidkom mal-qaddisin li huma fil-bżonn; ilqgħu fi djarkom lill-barranin. |
| 2. Salm: Isaija 12: 2-6 | Kbir hu f'nofsok il-qaddis ta' Israel. |
| 3. Luqa 1: 39-56 | Minn fejn ġieni dan li omm sidi tiġi għandi? |

**Iż-Żjara tal-Verġni Marija lil Eliżabetta**

- F'għeluq ix-xahar ta' Mejju, iddedikat lill-Madonna, il-Knisja tfakkarna fiż-żjara li Marija għamlet lil S. Elizabetta, li dwarha jitkellem San Luqa fil-Vanġelu tiegħu (Lq 1, 39-56), fl-aħħar 18-il vers tal-ewwel kapitlu.
- Marija kienet għadha kif aċċettat li tkun Omm il-Feddej. L-anġlu Gabrijel kien għarrafha li Eliżabetta, qaribtha, kienet se ssir omm fi xjuħitha u ġa kienet 6 xhur li nisslet, minkejja li kienu jgħidu li ma setax ikollha wlied. San Luqa jgħid li Marija "qamet f'dawk il-jiem u telqet bl-għaġla" biex iżżur lil qaribtha, tifirħilha u tgħinha f'dak kollu li kellu bżonn. Eliżabetta, skont tradizzjoni qadima, kienet toqgħod f'Għajn Karim, raħal fuq għolja, xi 5 mili 'l isfel minn Ġerusalemm, u fuq 60 mil minn Nazaret, ir-raħal ta' Marija.
- L-Evanġelista jgħid li hekk kif Marija daħlet fid-dar ta' Żakkarija u sellmet lil Eliżabetta, it-tarbija qabżet bil-ferħ fi ħdanha, u għolliet leħinha u mnebbħa mill-Ispirtu s-Santu, għajtet b'leħen għoli u qaltilha: "Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott ta' ġufek! U mnejn hu ġieni dan, li tiġi Omm il-Mulej għandi? … Imbierka dik li emmnet li jseħħ dak li qalilha l-Mulej!" Għal dan il-kliem ta' tifħir, Marija faħħret lill-Mulej bil-Magnificat: Ruħi tfaħħar 'il-Mulej u tifraħ ruħi f'Alla s-salvatur tiegħi."
- Marija baqgħet ma' Elizabetta għal tlett xhur, taqdiha f'dak kollu li kellha bżonn.
- Din il-festa bdiet issir b'solennità mill-Ordni Franġiskan sa mis-seklu 13. Ġiet estiża għall-Knisja kollha mill-Papa Urbanu VI fl-1389 biex jaqla' bl-interċessjoni ta' Marija, il-waqfien tax-Xiżma tal-Punent li tant għamlet deni fil-Knisja Kattolika.
- Sa ftit tas-snin ilu kienet issir fit-2 ta' Lulju, imma minn wara l-Konċilju 'l hawn, bdiet issir fil-31 ta' Mejju — jum li fih kienet issir il-festa ta' Marija bħala Reġina. Kien ħsieb tassew postu tal-Knisja li jagħlaq ix-xahar ta' Mejju — li hu kollu ddedikat lil Marija — b'din il-festa li turina lil Marija sservi lil mara xiħa fil-bżonn. Speċi l-Knisja trid tfakkar lid-devoti kollha ta' Marija biex jimitawha fis-servizz u għajnuna li dawk kollha li tassew iħobbu lil Alla għandhom jagħtu lil bnedmin ħuthom fil-bżonn, għax fihom wieħed jilmaħ il-persuna ta' Kristu.

**Riflessjoni:**

Kif nistgħu ma narawx moħbi lil Ġesù, il-protagonistà, fil-laqgħa ta' bejn Marija u Elizabetta? Marija kienet qed iġġorru fil-ġuf bħal tabernaklu qaddis u offritu bħala l-akbar rigal lil Żakkarija, lil martu Elizabetta u anke lit-tarbija titrabba f'ġufha (Elizabetta). Hekk, Omm Ġwanni l-Battista qalet: "*Għax ara, malli smajt b'widnejja leħen it-tislima tiegħek, It-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ*". (Luqa 1-44) Kull min jiftaħ qalbu għall-**Omm**, jiltaqa' u jilqa' lill-**Iben** u jimtela bil-ferħ.

Silta mid-diskors tal-Papa Benedittu XVI, 31 ta' Mejju 2006.

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 141, l-1 punt**

*Let us admire the promptness with which the Most Blessed Virgin went to visit her cousin, Saint Elizabeth, as soon as she learned the will of God. She undertook this journey without delay, in spite of the difficulties of the road, which was mountainous. She had nothing in view except to do what God desired of her; this was what she had most at heart. Her promptness drew down God's blessings on her visit and was a cause of the great things that God performed through her.*

*We must consider ourselves blessed when we are visited by God through his inspirations. Let us be faithful to them, for to this fidelity God usually attaches a great number of graces. He does this only insofar as we do what he shows us that he wants us to do when he gives us his inspirations. God sends us his holy inspirations only to make us prompt to put them into practice with the intent to accomplish his holy will exactly.*

**TALBA – Il-Kantiku ta' Marija**



*Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,*
*u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,*
*għax hu xeħet għajnejh*
*fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.*
*Iva, minn issa 'l quddiem*
*kull nisel jibda jsejjaħli hienja.*
*Għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;*
*qaddis hu l-isem tiegħu.*
*Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien*
*fuq dawk li jibżgħu minnu.*
*Hu wera l-qawwa ta' driegħu,*
*xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.*
*Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,*
*u għolla ċ-ċkejknin.*
*Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,*
*u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.*
*Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu,*
*għax ftakar fil-ħniena tiegħu*
*- bħalma wiegħed lil missirijietna -*
*b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.*

**Missierna ...**

## PRAYER
## FOR THE SIGNUM FIDEI
## INTERNATIONAL ASSEMBLY

Dear God, our FATHER,
in Jesus you call all of us
to be **Signs of living Faith**.

By the light of the Holy Spirit,
lead us to be thankful for this gift,
and confident witnesses to his Good News.

By your loving providence
you have chosen us to live,
commit and celebrate our faith
in a Lasallian **Signum Fidei** Community.

Through the intercession of the Blessed Virgin,
we pray fervently that You bless the work of our
International Assembly.

"Together and by association", help us to follow
in the footsteps of St. John Baptist de la Salle,
so that we might become salt for the earth
and light for the world,
especially among those most in need. **Amen.**

**Live Jesus in our hearts… forever!**